

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/959

tal-14 ta' Marzu 2018

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-metodoloġija ta' valutazzjoni li skont liema l-awtoritajiet kompetenti jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw Approċċi ta' Kejl Avvanzat għar-riskju operazzjonali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 312(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Għall-finijiet tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 312(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw Approċċi ta' Kejl Avvanzat ("AMA") ibbażati fuq is-sistemi proprji tal-istituzzjonijiet tal-kejl tar-riskju operazzjonali meta dawn jissodisfaw l-istandards kwalitattivi u kwantitattivi kollha stabbiliti f'dak l-Artikolu, xi ħaġa li timplika l-konformità tal-istituzzjonijiet ma' dawn ir-rekwiżiti f'kull ħin. Bħala riżultat ta' dan, valutazzjoni bħal din mhix relatata biss mal-applikazzjoni inizjali ta' istituzzjoni għall-permess biex tuża l-AMA, iżda tapplika fuq bażi kontinwa wkoll.
- (2) Id-diversi elementi li jikkostitwixxu qafas tal-AMA ta' istituzzjoni jenħtieġ li ma jiġux ikkunsidrati għalihom iżda jiġu rieżaminati u vvalutati bħala pakkett ta' elementi minsuġa flimkien, b'tali mod li l-awtoritajiet kompetenti jkunu ssodisfati b'livell adegwat ta' konformità b'rabta ma' kull parti tal-qafas.
- (3) Jenħtieġ li l-valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 312(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 biex jużaw Approċċi ta' Kejl Avvanzat ma ssirx b'mod uniformi. In-natura tal-elementi li jridu jiġu vvalutati tvarja skont it-tip ta' valutazzjoni mwettqa li, u dan jiddependi mit-tip ta' applikazzjoni sottomessa. L-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa jivvalutaw it-tali konformità meta istituzzjoni tapplika għall-ewwel darba biex tuża l-AMA, meta istituzzjoni tapplika biex testendi l-AMA f'konformità mal-pjan ta' implimentazzjoni sekwenzjali approvat, meta istituzzjoni tapplika biex testendi jew tbiddel l-AMA li tkun ingħatat permess li tuża, u meta istituzzjoni tapplika biex tmur lura u terġa' tibda tuża approċċi anqas sofistikati f'konformità mal-Artikolu 313 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu rieżami kontinwu tal-użu tal-AMA mill-istituzzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-valutazzjoni tal-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti biex tuża l-AMA f'konformità man-natura tal-elementi li jridu jiġu vvalutati u li jikkorrispondu għall-metodoloġija ta' valutazzjoni rilevanti.
- (4) L-Artikolu 85(1) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ jeħtieġ li l-istituzzjonijiet jartikolaw dak li jikkostitwixxi riskju operazzjonali għall-finijiet ta' implimentazzjoni tal-politiki u tal-proċessi

⁽¹⁾ ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

għall-evalwazzjoni u għall-immaniġġjar tal-iskopertura għar-riskju operazzjonali. Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jipprovdni definizzjoni għal “riskju operazzjonali” li tinkludi kemm ir-riskju ġuridiku kif ukoll ir-riskju tal-mudell. Fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-riskju tal-mudell jirreferi għat-telf potenzjali dovut għal żbalji fl-iżvilupp, fl-implimentazzjoni jew fl-użu ta’ mudelli interni iżda ma jinkludix telf potenzjali dovut għal aġġustamenti fil-valwazzjoni mir-riskju tal-mudell kif imsemmija fl-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-valwazzjoni prudenti jew fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101⁽¹⁾ u ma jirreferix għar-riskju tal-mudell assoċjat mal-użu ta’ metodoloġija ta’ valwazzjoni possibbilment żbaljata kif imsemmi fl-Artikolu 105(13) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Bl-istess mod, ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 lanqas ma jispeċifika kif l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżit ta’ artikolazzjoni ta’ kwalunkwe riskju operazzjonali li jkun relatat mar-riskju ġuridiku u mar-riskju tal-mudell. Għaldaqstant, jenħtieġ li regoli li jispeċifikaw il-metodoloġija ta’ valutazzjoni li trid tintuża mill-awtoritajiet kompetenti meta jivvalutaw jekk l-istituzzjonijiet jistgħux jużaw l-AMA jinkludu speċifikazzjoni bħal din.

- (5) Hu meħtieġ ukoll li jiġu armonizzati l-approċċi superviżorji fir-rigward tal-artikolazzjoni korretta tar-riskju operazzjonali fi tranżazzjonijiet finanzjarji, inklużi dawk relatati mar-riskju tas-suq, peress li ntwerja li r-riskji operazzjonali ta’ dawn it-tranżazzjonijiet huma mdaqqsja u l-motivaturi tagħhom, tipikament ta’ natura b’diversi aspetti, jaf ma jkunux jistgħu jiġu individwati u rreġistrati b’konsistenza bħala tali madwar l-Unjoni kollha.
- (6) L-istandards li jridu jiġu rrispettati minn qafas ta’ governanza u ta’ mmaniġġjar tar-riskju ta’ istituzzjoni huma stabbiliti fl-Artikolu 74 tad-Direttiva 2013/36/UE u fl-Artikolu 321 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Bħala riżultat ta’ dan, jenħtieġ li l-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-AMA tippredvi verifika, mill-awtoritajiet kompetenti, li istituzzjoni jkollha struttura organizzazzjonali ċara għall-governanza u għall-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali b’linji definiti sew, trasparenti u konsistenti ta’ responsabbiltà b’kunsiderazzjoni tan-natura, tal-iskala u tal-kumplessità tal-attivitàjiet tal-istituzzjoni meta jiġi vvalutat jekk istituzzjoni tistax tuża l-approċċ AMA. B’mod partikolari, jenħtieġ li jiġi kkonfermat li l-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali taqdi rwol importanti fid-definizzjoni, fil-kejl u l-valutazzjoni, fil-monitoraġġ, fil-kontroll u fil-mitigazzjoni tar-riskji operazzjonali li taffaċċja l-istituzzjoni u li din tkun indipendenti biżżejjed mill-unitajiet tan-negozju tal-istituzzjoni b’tali mod li jiġi żgurat li l-ġudizzju professjonali u r-rakkomandazzjonijiet tagħha jkun kemm indipendenti kif ukoll imparzjali. Jenħtieġ li jiġi ddeterminat ukoll li l-maniġment superjuri hu responsabbli għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni tal-qafas ta’ governanza u ta’ mmaniġġjar tar-riskju operazzjonali li jkun ġie approvat mill-korp maniġerjali u li t-tali qafas hu implimentat b’mod konsistenti fl-organizzazzjoni kollha tal-istituzzjoni. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivvalutaw ukoll li jiġu pprovduti għodod u informazzjoni adegwati fil-livelli kollha tal-persunal b’tali mod li l-membri kollha tal-persunal jifhmu r-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tal-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali.
- (7) Sistemi interni effettivi ta’ rapportar huma prerekwiżit ta’ governanza interna tajba. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li istituzzjoni li tapplika għal permess għal AMA tadotta sistemi effettivi ta’ rapportar tar-riskji mhux biss lill-korp maniġerjali u lill-maniġment superjuri iżda anki lill-funzjonijiet kollha responsabbli għall-immaniġġjar tar-riskji operazzjonali li għalihom l-istituzzjoni tkun, jew tista’ tkun, skoperta. Jenħtieġ li s-sistema ta’ rapportar tirrifletti l-istatus aġġornat tal-kwistjonijiet relatati mar-riskju operazzjonali fl-istituzzjoni u jenħtieġ li din tinkludi l-aspetti materjali kollha tal-immaniġġjar u tal-kejl tar-riskju operazzjonali.
- (8) F’konformità mal-Artikolu 321(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, sistema interna ta’ kejl tar-riskju operazzjonali ta’ istituzzjoni trid tiġi integrata mill-qrib fil-proċessi ta’ mmaniġġjar tar-riskju ta’ kuljum tagħha. Bħala riżultat ta’ dan, jenħtieġ li l-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-AMA tippredvi biex l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li istituzzjoni li tapplika għal permess tal-AMA fil-fatt tuża s-sistema tagħha tal-kejl tar-riskju operazzjonali għall-proċess tan-negozju ta’ kuljum tagħha u għall-finijiet ta’ mmaniġġjar tar-riskju fuq bażi kontinwa u mhux biss għall-fini ta’ kalkolu tar-rekwiżiti ta’ fondi proprji għar-riskju operazzjonali. Għaldaqstant, jenħtieġ li r-regoli dwar il-valutazzjoni superviżorja tal-AMA jinkludu regoli dwar l-aspettattivi superviżorji li għandhom jintlaħqu minn istituzzjoni li tapplika għal permess għal AMA fir-rigward tat-“test tal-użu”.
- (9) Biex kemm l-istituzzjonijiet kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti jiġu pprovduti b’evidenza li sistema ta’ mmaniġġjar tar-riskju operazzjonali ta’ istituzzjoni hi affidabbli u robusta u tiġġenera rekwiżiti ta’ fondi proprji tar-riskju operazzjonali aktar kredibbli minn metodoloġija regolatorja aktar sempliċi tar-riskju operazzjonali, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw li l-istituzzjoni tkun qabblet is-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali mal-Approċċ tal-Indikatur Bażiku jew mal-Approċċ Standardizzat għar-riskju operazzjonali stabbiliti fl-Artikoli 315, 317 u 319 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tul perjodu determinat ta’ żmien. Jenħtieġ li dak il-perjodu ta’ żmien ikun twil biżżejjed biex l-awtorità kompetenti tistabbilixxi li l-istituzzjoni tissodisfa l-istandards kwalitattivi u kwantitattivi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-użu tal-AMA.

⁽¹⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 tas-26 ta’ Ottubru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta’ standards tekniċi regolatorji għall-valutazzjoni prudenti skont l-Artikolu 105(14), ĠUL 21, 28.1.2016, p. 54.

- (10) Skont l-Artikolu 321(g) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-flussi tad-dejta u l-proċessi ta' istituzzjoni assoċjati mas-sistema tal-kejl tal-AMA huma meħtieġa jkunu trasparenti u aċċessibbli. Dejta relatata mar-riskju operazzjonali ma tkunx disponibbli minnufih peress li l-ewwel din tkun trid tiġi identifikata fi ħdan il-kotba u l-arkivji ta' istituzzjoni, u mbagħad tinġabar u tinżamm kif xieraq. Barra minn hekk, tipikament is-sistema tal-kejl tkun ferm sofistikata u tipprevedi diversi stadji loġiċi u komputazzjonali għall-ġenerazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-AMA tivverifika li l-kwalità tad-dejta u s-sistemi tal-IT jkunu mfassla kif xieraq u implimentati kif suppost fi ħdan istituzzjoni biex jaqdu l-iskop li jinbnew għalih.
- (11) Il-qafas tal-AMA ta' istituzzjoni hu soġġett għal validazzjoni interna u għal rieżamijiet tal-awditjar f'konformità mal-punti (e) u (f) tal-Artikolu 321 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Għad li l-istruttura organizzazzjonali tal-funzjonijiet tal-validazzjoni interna u tal-awditjar tista' tvarja skont in-natura, il-kumplessità u n-negozju ta' istituzzjoni, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-AMA tar-rieżamijiet imwettqa minn dawn il-funzjonijiet taderixxi għal kriterji komuni rigward it-termini u l-ambitu ta' dawn ir-rieżamijiet.
- (12) L-immudellar tar-riskju operazzjonali hu dixxiplina relattivament ġdida li għadha qed tevolvi. Għalhekk, l-Artikolu 322 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jagħti flessibilità sinifikanti lill-istituzzjonijiet fil-bini tas-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA. Madankollu, jenħtieġ li t-tali flessibilità ma tirriżultax f'differenzi sinifikanti bejn l-istituzzjonijiet fir-rigward tal-komponenti ewlenin tas-sistema tal-kejl, inkluż l-użu ta' dejta interna, id-dejta esterna, l-analiżi tax-xenarji u l-ambjent tan-negozju u l-fatturi ta' kontroll intern (magħrufa u msejħa bħala "l-erba' elementi"), tas-suppożizzjonijiet tal-immudellar ċentrali li jippermettu li jiġu koperti diversi avvenimenti severi tat-tail u l-ixprunaturi tar-riskju relatati (il-bini tas-sett tad-dejta tal-kalkolu, il-granularità, l-identifikazzjoni tad-distribuzzjonijiet tat-telf u d-determinazzjoni tad-distribuzzjonijiet tat-telf aggregati u l-kejl tar-riskju) jew it-telf mistenni, il-korrelazzjoni u l-kriterji għall-allokazzjoni tal-kapital li jenħtieġ li jiżguraw il-konsistenza interna ta' sistema tal-kejl. Għaldaqstant, bl-għan li jiġi żgurat li s-sistema tal-kejl tar-riskju tkun metodoloġikament solida, komparabbli bejn l-istituzzjonijiet, effettiva fil-kopertura tar-riskju operazzjonali attwali u potenzjali tal-istituzzjonijiet u affidabbli u robusta fil-ġenerazzjoni tar-rekwiżiti ta' kapital regolatorju tal-AMA, jenħtieġ li l-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-AMA tipprovdi li l-istess kriterji u rekwiżiti jiġu applikati mill-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni kollha. Jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-AMA tiegħu f'kunsiderazzjoni wkoll il-komponenti idjosinkratiċi tar-riskju operazzjonali li huma relatati mad-daqs, man-natura u mal-kumplessità differenti tal-istituzzjonijiet.
- (13) B'mod partikolari fir-rigward tad-dejta interna, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni lill-fatt li għad li telf mir-riskji operazzjonali jista' jseħħ biss minn avveniment ta' riskju operazzjonali, l-okkorrenza ta' dan tista' tiġi identifikata minn entrati differenti, inklużi imposti diretti, spejjeż, provvedimenti u dħul mhux miġbur. Filwaqt li wħud mill-avvenimenti tar-riskju operazzjonali għandhom impatt kwantifikabbli u huma riflessi fir-rapporti finanzjarji tal-istituzzjoni, oħrajn mhumiex kwantifikabbli u ma jaffettwax ir-rapporti finanzjarji tal-istituzzjoni u, għaldaqstant, jistgħu jiġu individwati minn sorsi oħra inkluż mill-arkivji manijerjali u mis-sett ta' dejta tal-inċidenti. Għaldaqstant, ir-regoli li jispeċifikaw il-metodoloġija tal-valutazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti biex jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw l-AMA jenħtieġ li jispeċifikaw dak li jikkostitwixxi telf mir-riskji operazzjonali u l-ammont li għandu jiġi rreġistrat għal finijiet tal-AMA u, b'mod aktar ġenerali, l-entrati potenzjali kollha li jistgħu jikkaw l-okkorrenza ta' avvenimenti tar-riskju operazzjonali.
- (14) Kultant, l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jirkupraw it-telf emerġenti mir-riskji operazzjonali malajr. Jenħtieġ li telf irkuprat malajr ma jiġix ikkunsidrat għall-finijiet ta' kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA, għad li dan jista' jkun utli għall-finijiet manijerjali. Peress li hemm diversi kriterji li l-istituzzjonijiet jużaw biex jikkwalifikaw it-telf bħala rkuprat rapidament, jenħtieġ li r-regoli dwar il-metodoloġija ta' valutazzjoni tal-AMA jinkludu regoli li jispeċifikaw il-kriterji xierqa għall-ikkwalifikar tat-telf bħala rkuprat malajr.
- (15) It-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju jistgħu jiġu rikonossuti mill-awtoritajiet kompetenti fi ħdan l-AMA dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 323 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Biex jiġu applikati b'mod effettiv ir-regoli relatati ma' dawn it-tekniki ta' mitigazzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jsewgu standards speċifiċi meta jivvalutaw l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli minn istituzzjoni. B'mod partikolari, meta daww it-tekniki ta' mitigazzjoni jkunu fil-forma ta' assigurazzjoni, hemm bżonn li jiġi żgurat li t-tali assigurazzjoni tkun ipprovduta minn ditti tal-assigurazzjoni awtorizzati fl-Unjoni jew f'għurisdizzjonijiet bi standards regolatorji ekwivalenti għad-ditti tal-assigurazzjoni, bħal daww applikabbli fl-Unjoni.
- (16) Meta t-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju jkunu fil-forma ta' mekkaniżmi oħra ta' trasferiment tar-riskju u mhux ta' assigurazzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li t-tali mekkaniżmi fl-fatt ikunu qed jittrasferixxu r-riskju u li ma jkunux qed jintużaw biex jiġu evitati r-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA. Din il-kundizzjoni hi essenzjali fid-dawl tal-partikolaritajiet tar-riskju operazzjonali, meta ma jkun hemm ebdha assi sottostanti ċari ta' referenza u meta t-telf mhux mistenni jkollu rwol akbar milli f'tipi oħra ta' riskju. Dan ikompli jiġi aggravat

fid-dawl tan-nuqqas ta' suq effiċjenti, likwidu u strutturat għal "prodotti" tar-riskju operazzjonali li s'issa ġew innegozjati barra mis-settur bankarju, inklużi bonds għall-katastrofi u derivattivi marbutin mat-temp. Finalment, spiss tinstab diffikultà kbira fil-valutazzjoni tar-riskju ġuridiku tat-tali mekkaniżmi, anki meta l-patti u l-kundizzjonijiet ta' dawn il-kuntratti jkunu stipulati b'mod ċar u bir-reqqa.

- (17) Biex tiġi żgurata tranżizzjoni mingħajr intoppi għall-istituzzjonijiet li diġà għandhom il-permess jużaw l-AMA jew li applikaw għal permess biex jużaw l-AMA qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġi previst li l-awtoritajiet kompetenti japplikaw dan ir-Regolament b'raba mal-valutazzjoni tal-AMA ta' dawn l-istituzzjonijiet wara ċertu perjodu tranżitorju biss. Peress li r-rieżami regolari tal-AMA msemmi fl-Artikolu 101(1) tad-Direttiva 2013/36/UE normalment isir fuq bażi annwali, jenħtieġ li dak il-perjodu tranżizzjonali jkun ta' sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (18) Jenħtieġ li istituzzjonijiet li jużaw distribuzzjonijiet bħal dawk Gaussjani jew Normali għar-rikonoxximent tal-korrelazzjoni fl-AMA kollha tagħhom jew fpartijiet minnhom ma jibqgħux jużawhom fil-kuntest tal-AMA tagħhom peress li dawn is-suppożizzjonijiet ikunu jimplikaw indipendenza tat-tail fost il-kategoriji tar-riskju operazzjonali, u b'hekk jeskludu l-possibbiltà ta' okkorrenza simultanja ta' telf kbir ta' tipi differenti, suppożizzjoni li la hi prudenti u lanqas realista. Għaldaqstant, jenħtieġ li jingħata biżżejjed żmien għat-tranżizzjoni mingħajr intoppi ta' dawn l-istituzzjonijiet għal reġim ġdid meta jiġu introdotti suppożizzjonijiet aktar konservattivi, li jimplikaw dipendenza pożittiva tat-tail, fi ħdan is-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali. Peress li l-implimentazzjoni ta' dawn is-suppożizzjonijiet tista' teħtieġ il-modifika ta' ċerti elementi importanti u tal-proċeduri relatati, tal-qafas tal-AMA, ikun xieraq li jingħataw sentejn għal dik it-tranżizzjoni.
- (19) Dan ir-Regolament hu bbażat fuq l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati ppreżentati mill-Awtorità Bankarja Ewropea lill-Kummissjoni.
- (20) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar dawn l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji relatati potenzjali u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati mwaqqaf f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Valutazzjoni tal-Approċċi ta' Kejl Avvanzat

1. Il-valutazzjoni li biha l-awtoritajiet kompetenti jippermettu lil istituzzjoni tuża Approċċi ta' Kejl Avvanzat (AMA - Advanced Measurement Approaches) għandha tikkonferma li:
 - (a) huma ssodisfati l-elementi fl-Artikoli 3 sa 6;
 - (b) huma ssodisfati l-Kapitoli 2 u 3;
 - (c) huwa ssodisfat il-Kapitolu 4 meta l-istituzzjoni tkun adottat l-assigurazzjoni u mekkaniżmi oħra ta' trasferiment tar-riskju msemmija fih.
2. Il-Kapitoli 1 sa 4 għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu dawn li ġejjin:
 - (a) valutazzjoni tal-materjalità tal-estensjonijiet u tat-tibdiliet fl-AMA użat minn istituzzjoni;
 - (b) valutazzjoni tal-pjan ta' implimentazzjoni sekwenzjali għall-AMA użat minn istituzzjoni;
 - (c) valutazzjoni tar-ritorn minn istituzzjoni għall-użu ta' approċċi anqas sofistikati f'konformita mal-Artikolu 313 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
 - (d) ir-rieżamijiet kontinwi tal-AMA użat minn istituzzjoni.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan l-Att Delegat, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "livell limitu ta' mmudellar body-tail" tfisser il-valur tat-telf li jissepara l-body mit-tail tad-distribuzzjonijiet tat-telf;
- (2) "sett ta' dejta tal-kalkolu" tfisser il-porzjoni tad-dejta miġbura, attwali jew mibnija, li jissodisfa l-kundizzjonijiet neċessarji biex iservi bħala input fis-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali;
- (3) "livell limitu tal-ġbir tad-dejta" tfisser il-valur tat-telf li minnu istituzzjoni tidentifika u tiġbor it-telf mir-riskji operazzjonali għall-finijiet ta' ġestjoni u ta' kejl;
- (4) "datatal-kontabbiltà" tfisser id-data li fiha telf jew provvedimenti kontra avveniment ta' riskju operazzjonali jiġi rikonoxxut għall-ewwel darba fir-Rapport tal-Introjtu;
- (5) "livell limitu minimu tal-immudellar" tfisser il-valur tat-telf li minnu d-distribuzzjonijiet tal-frekwenza u tas-severità, empiriċi jew inkella parametriċi, jiġu allokatu għat-telf mir-riskji operazzjonali;
- (6) "telf gross" jew "telf" tfisser it-telf li jirriżulta minn avveniment ta' riskju operazzjonali qabel irkupru ta' kwalunkwe tip;
- (7) "avveniment ta' mġiba ħażina" tfisser l-avveniment ta' riskju operazzjonali li jirriżulta minn imġiba ħażina apposta jew negliġenzi, inkluż l-għoti mhux xieraq ta' servizzi finanzjarji;
- (8) "kategorija tar-riskju operazzjonali" tfisser il-livell, bħat-tip ta' avveniment u l-linja operatorja, li fiha sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali ta' istituzzjoni tiġġenera distribuzzjonijiet separati tal-frekwenza u tas-severità;
- (9) "profil tar-riskju operazzjonali" tfisser ir-rappreżentazzjoni f'ċifri assoluti f'punt partikolari ta' żmien ta' riskju operazzjonali attwali u prospettiv ta' istituzzjoni;
- (10) "tolleranza tar-riskju operazzjonali" tfisser il-ħarsa 'l quddiem ta' istituzzjoni, irrapreżentata f'ċifri assoluti, tal-livell aggregat u tat-tipi ta' riskju operazzjonali li l-istituzzjoni hi lesta jew qed tħejji li ġġarrab li mhux ser ixekklu l-oġġettivi strateġiċi u l-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tagħha;
- (11) "irkupru" tfisser l-okkorrenza relatata mat-telf oriġinali li hi indipendenti minn dak it-telf u li hi separata fiż-żmien, li fiha jiġu riċevuti l-fondi jew l-influssi ta' benefiċċji ekonomiċi mingħand partijiet primarji jew terzi;
- (12) "kejl tar-riskju" tfisser statistika waħda dwar ir-riskju operazzjonali estratta mid-distribuzzjoni tat-telf aggregat fil-livell ta' fiduċja mixtieq, inkluż il-Valur f'Riskju (VaR), jew kejl ta' nuqqas (pereż. Nuqqas Mistenni, Nuqqas Medjan);
- (13) "Ċiklu tal-Ħajja ta' Żvilupp ta' Sistema" jew "SDLC" (System Development Life Cycle) tfisser il-proċess għall-ippjanar, għall-ħolqien, għall-ittestjar, u biex tibda tintuża infrastruttura tal-IT;
- (14) "telf relatat mat-twaqqit" tfisser l-impatt ekonomiku negattiv irreġistrat f'perjodu kontabilistiku finanzjarju minħabba avveniment ta' riskju operazzjonali li jħalli impatt fuq il-flussi tal-flus jew fuq ir-rapporti finanzjarji ta' perjodi kontabilistiċi finanzjarji preċedenti.

Artikolu 3

Avvenimenti ta' riskju operazzjonali relatati mar-riskju ġuridiku

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw li istituzzjoni tidentifika, tiġbor u tittratta dejta dwar avvenimenti ta' riskju operazzjonali u telf minn riskji operazzjonali relatati mar-riskju ġuridiku għall-finijiet ta' ġestjoni tar-riskju operazzjonali u tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA bbilli jivverifikaw tal-anqas dawn li ġejjin kollha:

- (a) li l-istituzzjoni tidentifika biċ-ċar u tikklassifika bħala riskji operazzjonali telf jew spejjeż oħra li jinħolqu minn avvenimenti li jirriżultaw fi proċedimenti legali, inklużi tal-anqas dawn li ġejjin;
 - (i) nuqqas ta' aġir meta t-tali azzjoni tkun neċessarja biex tinżamm konformità ma' norma ġuridika;
 - (ii) azzjoni meħuda biex tiġi evitata l-konformità ma' norma ġuridika;
 - (iii) avvenimenti ta' mġiba ħażina.
- (b) li l-istituzzjoni tidentifika biċ-ċar u tikklassifika bħala riskju operazzjonali telf jew spejjeż oħra li jirriżultaw minn azzjonijiet volontarji maħsuba biex jevitaw jew jimmitigaw riskji ġuridiċi li jirriżultaw minn avvenimenti ta' riskju operazzjonali, inklużi rifużjonijiet jew skontijiet ta' servizzi futuri offruti lil klijenti b'mod volontarju meta t-tali rifużjonijiet ma jkunux offruti bħala riżultat ta' lmenti minn klijenti;

- (c) li l-istituzzjoni tidentifika biċ-ċar u tikklassifika bħala riskju operazzjonali telf li jirriżulta minn żbalji jew minn omissjonijiet f'kuntratti u f'dokumentazzjoni;
- (d) li l-istituzzjoni ma tikklassifikax dawn li ġejjin bħala riskju operazzjonali:
 - (i) rifużjonijiet lil partijiet terzi jew lil impjegati u pagamenti ta' avvjament dovuti għal opportunitajiet ta' negozju, meta ma jkun seħħ ebda ksur tar-regoli jew tal-kondotta etika u meta l-istituzzjoni tkun issodisfat l-obbligi tagħha b'mod puntwali;
 - (ii) l-ispejjeż legali esterni meta l-event sottostanti ma jkunx avveniment ta' riskju operazzjonali.

Għall-finijiet tal-paragrafu (a), il-proċedimenti ġuridiċi lkoll għandhom jitqiesu li huma soluzzjonijiet ġuridiċi, inklużi s-soluzzjonijiet mandati bil-qorti kif ukoll is-soluzzjonijiet barra l-qorti.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, in-normi ġuridiċi għandhom jinkludu tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) kwalunkwe rekwiżit li jiġi minn dispożizzjonijiet statutorji jew leġislattivi nazzjonali jew internazzjonali;
- (b) kwalunkwe rekwiżit li jiġi minn arranġamenti kuntrattwali, minn regoli interni u minn kodiċijiet tal-kondotta stabbiliti f'konformità ma' normi u ma' prattiki nazzjonali jew internazzjonali.
- (c) regoli etiċi.

Artikolu 4

Avvenimenti ta' riskju operazzjonali relatati mar-riskju tal-mudell

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw dawn li ġejjin meta jivvalutaw jekk istituzzjoni tidentifikax, tiġborx u tittrattax id-dejta dwar avvenimenti ta' riskju operazzjoni u t-telf relatati mar-riskju tal-mudell, kif iddefinit fil-punt (11) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, għall-finijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju operazzjonali kif ukoll ta' kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA:

- (a) li tal-anqas l-avvenimenti li ġejjin, u t-telf relatat, li jirriżultaw mill-mudelli użati għat-teħid ta' deċiżjonijiet huma kklassifikati bħala riskju operazzjonali:
 - (i) definizzjoni mhux kif suppost ta' mudell magħżul u tal-karatteristiki tiegħu;
 - (ii) verifika mhux adegwata tal-idoneità ta' mudell magħżul għall-istrument finanzjarju li se jiġi evalwat jew għall-prodott li se jiġi pprezzat, jew l-idoneità ta' dan għall-kundizzjonijiet tas-suq applikabbli;
 - (iii) żbalji fl-implimentazzjoni ta' mudell magħżul;
 - (iv) valwazzjonijiet skont is-suq u kejl tar-riskju żbaljati minħabba żball matul ir-reġistrazzjoni ta' negozju fis-sistema tan-negozjar;
 - (v) użu ta' mudell magħżul jew tal-outputs ta' dan għal skop li ma kinux maħsuba jew imfassla għalih, inkluża manipulazzjoni tal-parametri ta' mmudellar;
 - (vi) monitoraġġ mhux tempestiv u ineffettiv tal-prestazzjoni tal-mudell biex jiġi kkonfermat jekk il-mudell għadux idoneu.
- (b) li l-avvenimenti relatati mas-sottostima tar-rekwiżiti ta' fondi proprji mill-mudelli interni awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti mhumiex inklużi fl-identifikazzjoni, fil-ġbir u fit-trattament tad-dejta dwar l-avvenimenti ta' riskju operazzjonali u t-telf minn riskji operazzjonali relatati mar-riskju tal-mudell.

Artikolu 5

avvenimenti ta' riskju operazzjonali relatati ma' tranżazzjonijiet finanzjarji inklużi dawk relatati mar-riskju tas-suq

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw li tal-anqas l-avvenimenti li ġejjin, u t-telf relatat, huma kklassifikati bħala riskju operazzjonali meta jivvalutaw jekk istituzzjoni tidentifikax, tiġborx u tittrattax id-dejta dwar l-avvenimenti ta' riskju operazzjonali u t-telf minn riskji operazzjonali li huma relatati mat-tranżazzjonijiet finanzjarji u mar-riskju tas-suq għall-finijiet ta' ġestjoni tar-riskju operazzjonali kif ukoll ta' kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA:

- (a) avvenimenti dovuti għal żbalji operazzjonali u fit-tidhila tad-dejta, inklużi dawn li ġejjin:
 - (i) nuqqasijiet u żbalji matul l-introduzzjoni jew l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet;
 - (ii) telf ta' dejta jew nuqqas ta' fehim tal-fluss tad-dejta mill-uffiċċju tan-negozjar għall-middle u l-back offices tal-istituzzjoni;

- (iii) żbalji fil-klassifikazzjoni;
 - (iv) speċifikazzjoni żbaljata tan-negozji fid-dokument dwar il-kondizzjonijiet, inklużi żbalji relatati mal-ammont tat-tranżazzjoni, mal-maturitajiet u mal-karatteristiċi finanzjarji.
- (b) avvenimenti dovuti għal nuqqasijiet fil-kontrolli interni, inklużi dawn li ġejjin:
- (i) nuqqasijiet fl-eżekuzzjoni kif suppost ta' ordni biex tiġi stralċata pożizzjoni fis-suq fil-każ ta' ċaqliq avvers fil-prezzijiet;
 - (ii) pożizzjonijiet mhux awtorizzati meħuda lil hinn mil-limiti allokat, irrispettivament mit-tip ta' riskju li jirrelataw miegħu.
- (c) avvenimenti dovuti għal kwalità inadegwata tad-dejta u għal indisponibbiltà tal-ambjent tal-IT, inkluża indisponibbiltà teknika tal-aċċess għas-suq li tirriżulta f'inabilità li jingħalqu kuntratti.

Artikolu 6

Il-kwalità u l-awditjabbiltà tad-dokumentazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-kwalità tad-dokumentazzjoni relatata mal-AMA użata minn istituzzjoni billi jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li d-dokumentazzjoni hi approvata fil-livell maniġerjali xieraq tal-istituzzjoni;
- (b) li l-istituzzjoni għandha politiki fis-seħħ li jispjegaw l-istandards biex tiġi żgurata l-kwalità għolja tad-dokumentazzjoni interna inkluża akkontabilità speċifika għall-iżgurar li d-dokumentazzjoni miżmuma tkun kompluta, konsistenti, preċiża, aġġornata, approvata u sigura;
- (c) li t-tifsila tad-dokumentazzjoni stabbilita fil-politiki msemmija fil-punt (b) tidentifika tal-anqas l-entrati li ġejjin:
 - (i) it-tip ta' dokument;
 - (ii) l-awtur;
 - (iii) ir-rieżaminatur;
 - (iv) l-aġent awtorizzanti u s-sid;
 - (v) id-dati tal-iżvilupp u tal-approvazzjoni;
 - (vi) in-numru tal-verżjoni;
 - (vii) kronoloġija tat-tibdiliet fid-dokument.
- (d) li l-istituzzjoni żżomm rekords dettaljati dwar il-politiki, il-proċeduri u l-metodoloġiji tagħha.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw l-awditjabbiltà tad-dokumentazzjoni relatata mal-AMA użata minn istituzzjoni billi jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li d-dokumentazzjoni hi dettaljata u preċiża biżżejjed biex tkun tista' ssir l-eżaminazzjoni tal-AMA minn partijiet terzi, inklużi:
 - (i) il-fehim tal-motivazzjoni u tal-proċeduri li huma l-bażi tal-iżvilupp tiegħu;
 - (ii) il-fehim tas-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali biex jiġi ddeterminat kif joperaw ir-rekwiżiti tal-fondi proprji tal-AMA, il-limitazzjonijiet ta' dan u s-suppożizzjonijiet ewlenin u l-possibbiltà li jiġi rreplikat l-iżvilupp tal-mudell.

KAPITOLU 2

STANDARDS KWALITATTIVI

L-EWWEL TAQSIMA

Il-governanza

Artikolu 7

Il-proċess ta' mmaniġġjar tar-riskju operazzjonali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-effikaċja tal-qafas tal-AMA ta' istituzzjoni għall-governanza u għall-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali u li teżisti struttura organizzazzjonali ċara b'linji ta' responsabbiltà ddefiniti kif suppost, trasparenti u konsistenti billi jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li l-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jiddiskuti u japprova l-governanza tar-riskju operazzjonali, il-proċess tal-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali u s-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali;

- (b) li l-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jiddefinixxi biċ-ċar u jiddetermina dawn li ġejjin tal-anqas fuq bażi annwali:
- (i) it-tolleranza tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni;
 - (ii) id-dikjarazzjoni bil-miktub tat-tolleranza tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni dwar il-livell aggregat tat-telf mir-riskji operazzjonali u t-tipi ta' avvenimenti, li jkun fiha kemm miżuri kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi inklużi l-livelli limitu u l-limiti bbażati fuq il-metrija tat-telf mir-riskji operazzjonali li l-istituzzjoni tkun lesta jew ippreparata li ġġarrab biex tikseb l-oġġettivi strateġiċi u l-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tagħha, filwaqt li tiżgura li din tkun disponibbli u mifhuma fi ħdan l-istituzzjoni;
- (c) li l-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jimmonitorja l-konformità tal-istituzzjoni mad-dikjarazzjoni tat-tolleranza tar-riskju operazzjonali msemmija fil-punt (b) (ii) fuq bażi kontinwa;
- (d) li l-istituzzjoni tapplika proċess kontinwu ta' mmaniġġjar tar-riskju operazzjonali biex tidentifika, tivvaluta u tkejjel, timmonitorja u tirrapporta r-riskju operazzjonali, inklużi avvenimenti ta' mġiba ħażina, u li hi kapaċi tidentifika lill-persunal responsabbli għall-immaniġġjar tal-proċess tar-riskju operazzjonali;
- (e) li l-informazzjoni li tirriżulta mill-proċess imsemmi fil-punt (d) tintbagħat lill-kumitati u lill-korpi eżekuttivi rilevanti tal-istituzzjoni, u li d-deċiżjonijiet li jirriżultaw minn daww il-kumitati jiġu kkomunikati lil min huwa responsabbli fl-istituzzjoni għall-ġbir, għall-kontroll, għall-monitoraġġ u għall-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali u lil daww responsabbli għall-immaniġġjar tal-attivitajiet li jwasslu għar-riskju operazzjonali;
- (f) li l-istituzzjoni tevalwa l-effettività tal-governanza tar-riskju operazzjonali, tal-proċess tal-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali u tas-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali tagħha tal-anqas fuq bażi annwali;
- (g) li l-istituzzjoni tinnotifika lill-awtorità kompetenti rilevanti dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni msemmija fil-punt (f) tal-anqas fuq bażi annwali.
2. Għall-fini tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-impatt tal-istruttura tal-governanza tar-riskju operazzjonali fuq il-livell ta' involviment fl-immaniġġjar u fil-kultura tar-riskju operazzjonali mill-persunal tal-istituzzjoni, inklużi tal-anqas dawn li ġejjin:
- (a) il-livell ta' sensibilizzazzjoni, fisem il-persunal tal-istituzzjoni, dwar il-politiki u l-proċeduri tar-riskju operazzjonali;
 - (b) il-proċess intern tal-istituzzjoni għall-kontestazzjoni tad-disinn u tal-effettività tal-qafas tal-AMA.

Artikolu 8

Funzjoni indipendenti ta' mmaniġġjar tar-riskju operazzjonali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-indipendenza tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali mill-unitajiet tan-negozju tal-istituzzjoni billi jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:
- (a) li l-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali ttwettaq il-kompiti li ġejjin b'mod separat mil-linji operatorji tal-istituzzjoni;
 - (i) id-disinn, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-manutenzjoni u s-sorveljanza tal-proċess tal-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali u tas-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali;
 - (ii) l-analiżi tar-riskju operazzjonali assoċjat mal-introduzzjoni u mal-iżvilupp ta' prodotti, ta' swieq, ta' linji operatorji, ta' proċessi, ta' sistemi u ta' tibdiliet sinifikanti ġodda fi prodotti eżistenti;
 - (iii) is-sorveljanza tal-attivitajiet tan-negozju li jstgħu jwasslu għal skopertura għar-riskji operazzjonali li tista' tkun qed tikser it-tolleranza tar-riskju tal-istituzzjoni;
 - (b) li l-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali tirċievi impenn xieraq mill-korp maniġerjali u mill-maniġment superjuri u hi ta' statura adegwata fi ħdan l-organizzazzjoni biex ttwettaq il-kompiti tagħha;
 - (c) li l-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali mhix responsabbli għall-uffiċċju tal-awditjar intern ukoll;
 - (d) li l-kap tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali tal-anqas jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:
 - (i) livell xieraq ta' esperjenza fl-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali reali u prospettiv, kif indikat mill-profil tar-riskju operazzjonali;
 - (ii) komunikazzjoni regolari mal-korp maniġerjali u mal-kumitati tiegħu kif ikun mandat mill-istruttura tal-immaniġġjar tar-riskju tal-istituzzjoni;
 - (iii) involviment attiv fl-elaborazzjoni tat-tolleranza tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni u tal-istrateġija tal-istituzzjoni għall-immaniġġjar u għall-mitigazzjoni tiegħu;

- (iv) indipendenza mill-unitajiet u mill-funzjonijiet operatorji rieżaminati mill-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali;
- (v) allokkazzjoni ta' baġit għall-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali mill-kap tal-immaniġġjar tar-riskju msemmi fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 76(5) tad-Direttiva 2013/36/UE jew minn membru tal-korp maniġerjali f'kapaċità superviżorja u mhux minn unità tan-negozju jew minn funzjoni eżekuttiva.

Artikolu 9

Involvement tal-maniġment superjuri

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-grad ta' involviment tal-maniġment superjuri ta' istituzzjoni billi jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li l-maniġment superjuri hu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' governanza u tal-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali approvat mill-korp maniġerjali;
- (b) li l-maniġment superjuri jingħata s-setgħa mill-korp maniġerjali biex jiżviluppa politiki, proċessi u proċeduri għall-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali;
- (c) li l-maniġment superjuri jkun qed jimplimenta l-politiki, il-proċessi u l-proċeduri għall-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali msemmi fil-punt (b).

Artikolu 10

Rapportar

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk ir-rapportar tal-profil tar-riskju operazzjonali u tal-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali ta' istituzzjoni huwiex regolari, puntwali u robust biżżejjed billi jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li l-problemi relatati mas-sistemi ta' rapportar u mal-kontrolli interni tal-istituzzjoni jiġu identifikati malajr u bi preċiżjoni;
- (b) li r-rapporti tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni jiġu distribwiti għal-livelli xierqa ta' mmaniġġjar u għal oqsma tal-istituzzjoni li r-rapporti jkunu identifikat bħala qasam ta' tħassib;
- (c) li l-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jirċievi tal-anqas rapporti trimestrali fuq l-aħħar status tal-profil tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni u juża dawn ir-rapporti fil-proċess tat-tehdid ta' deċiżjonijiet;
- (d) li r-rapporti tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni jkun fihom informazzjoni rilevanti dwar l-immaniġġjar u tal-anqas sommarju ta' livell għoli tal-akbar riskji operazzjonali tal-istituzzjoni u tas-sussidjarji rilevanti kif ukoll tal-unitajiet tan-negozju;
- (e) li l-istituzzjoni tuża rapporti *ad hoc* dwar ċerti nuqqasijiet fil-politiki, fil-proċessi u fil-proċeduri għall-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali biex minnufih tidentifika u tindirizza dawn in-nuqqasijiet u, għalhekk, tnaqqas b'mod sostanzjali l-frekwenza u s-severità potenzjali ta' avveniment ta' telf."

IT-TIENI TAQSIMA

Test tal-użu

Artikolu 11

Użu tal-AMA

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw li istituzzjoni tuża l-AMA għal skopijiet interni billi jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li s-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni tintuża għall-immaniġġjar tar-riskji operazzjonali fost linji operatorji, unitajiet jew entitajiet ġuridiċi differenti fi ħdan l-istruttura tal-organizzazzjoni;
- (b) li s-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali hi inkorporata fi ħdan id-diversi entitajiet tal-grupp u, meta din tintuża fl-livell konsolidat, li l-qafas tal-AMA tal-istituzzjoni prinċipali jiġi estiż għas-sussidjarji, u li r-riskju operazzjonali u l-ambjent kummerċjali u l-fatturi interni ta' kontroll (BEICF - business environment and internal control factors) imsemmija fl-Artikoli 322(1) u (322(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ta' dawh is-sussidjarji huma inkorporati fil-kalkoli tal-AMA tal-grupp kollu;
- (c) li s-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali tintuża wkoll għall-finijiet tal-proċess ta' valutazzjoni interna tal-adegwatezza kapitali tal-istituzzjoni msemmi fl-Artikolu 73 tad-Direttiva 2013/36/UE.

*Artikolu 12***Integrazzjoni kontinwa tal-AMA**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw li istituzzjoni tiżgura l-integrazzjoni kontinwa tas-sistema tal-immaniġġar tar-riskju operazzjonali tagħha fil-proċessi tal-immaniġġar tar-riskju ta' kuljum billi jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li s-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali tiġi aġġornata fuq bażi regolari u li tiġi żviluppata ulterjorment hekk kif jinkisbu aktar esperjenza u sofistikazzjoni fl-immaniġġar u fil-kwantifikazzjoni tar-riskju operazzjonali;
- (b) li n-natura u l-bilanċ tal-inputs fis-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali huma rilevanti u jirriflettu n-natura tan-negozju, tal-istrateġija, tal-organizzazzjoni u tal-iskopertura tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni f'kull ħin.

*Artikolu 13***L-AMA użat b'appoġġ għall-immaniġġar tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw li istituzzjoni tuża l-AMA biex tappoġġja l-immaniġġar tar-riskju operazzjonali tagħha, billi jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li s-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali tintuża b'mod effettiv għar-rapportar regolari u veloċi ta' informazzjoni konsistenti li tirrifletti b'mod preċiż in-natura tan-negozju u l-profil tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni;
- (b) li l-istituzzjoni tiegħi azzjonijiet korrettivi biex ittejjeb il-proċessi interni mar-riċevuta ta' informazzjoni dwar is-sejbiet mis-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali.

*Artikolu 14***L-AMA użat biex jissaħħu l-organizzazzjoni u l-kontroll tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw li istituzzjoni tuża l-AMA biex tkompli ssaħħaħ l-organizzazzjoni u l-kontroll tagħha tar-riskju operazzjonali, billi jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li d-definizzjoni tal-istituzzjoni tat-tolleranza tar-riskju operazzjonali u l-oġġettivi u l-attivitajiet assoċjati tagħha tal-immaniġġar tar-riskju operazzjonali huma kkomunikati biċ-ċar fi ħdan l-istituzzjoni;
- (b) li r-relazzjoni bejn l-istrateġija tan-negozju tal-istituzzjoni u l-immaniġġar tar-riskju operazzjonali tagħha, inkluż fir-rigward tal-approvazzjoni ta' prodotti, ta' sistemi u ta' proċessi ġodda, hi kkomunikata biċ-ċar fi ħdan l-istituzzjoni;
- (c) li s-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali żżid it-trasparenza, is-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju u l-għarfien espert dwar l-immaniġġar tar-riskju operazzjonali u toħloq inċentivi għat-titjib tal-immaniġġar tar-riskju operazzjonali fi ħdan l-istituzzjoni kollha;
- (d) li l-inputs u l-outputs tas-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali jintużaw fid-deċiżjonijiet u fil-pjanijiet rilevanti, inkluż fil-pjanijiet ta' azzjoni, fil-pjanijiet tal-kontinwità tan-negozju, fil-pjanijiet ta' ħidma tal-awditjar intern, fid-deċiżjonijiet ta' allokkazzjoni ta' kapital, fil-pjanijiet tal-assigurazzjoni u fid-deċiżjonijiet dwar l-ibbaġitjar tal-istituzzjoni.

*Artikolu 15***Tqabbil tal-AMA mal-approċċi anqas sofistikati**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw li istituzzjoni turi l-istabbiltà u r-robustezza tal-output tal-AMA billi jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li qabel ma jingħata l-permess għall-użu tal-AMA għall-finijiet regolatorji, l-istituzzjoni kkalkolat ir-rekwiżiti tal-fondi proprji tagħha stess għar-riskju operazzjonali kemm skont l-AMA kif ukoll skont l-approċċ anqas sofistikati li kien japplika għaliha preċedentement, u li din għamlet dak il-kalkolu:
 - (i) fuq bażi raġonevolment regolari, u tal-anqas trimestrali;
 - (ii) b'tali mod li jkun koperti l-entitajiet ġuridiċi rilevanti kollha li jkun qed jużaw l-AMA fid-data tal-implimentazzjoni inizjali;
 - (iii) b'tali mod li jkun koperti r-riskji operazzjonali kollha li jkun koperti mill-AMA fid-data tal-implimentazzjoni inizjali.

- (b) li l-istituzzjoni tal-anqas tikkonforma ma' dawn li ġejjin:
- (i) il-proċess tal-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali u s-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali ġew żviluppati u ttestjati;
 - (ii) kwalunkwe problema ġiet solvuta u s-sistema u l-proċess tal-inkarigat ġew irfinati;
 - (iii) żgurat li s-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali tiġġenera riżultati li jikkonformaw mal-aspettattivi tal-istituzzjoni, inkluż b'kunsiderazzjoni tal-informazzjoni kemm mis-sistema eżistenti kif ukoll minn dik preċedenti tal-istituzzjoni;
 - (iv) uriet li malajr kapaċi tvarja l-parametri tal-mudell biex tifhem l-impatt ta' suppożizzjonijiet mibdula b'aġġustamenti fis-sistemi jew b'interventi manwali minimi;
 - (v) hi kapaċi tagħmel aġġustamenti xierqa fil-kapital għar-rekwiżiti ta' fondi proprji qabel l-ewwel "użu dirett" tal-AMA;
 - (vi) uriet fuq żmien raġonevoli li s-sistemi u l-proċessi ta' rapportar il-ġodda huma robusti u jiġġeneraw informazzjoni ta' ġestjoni li l-istituzzjoni tista' tuża biex tidentifika u timmaniġġja r-riskju operazzjonali.

Għall-finijiet tal-punt (a), il-valutazzjoni tal-kalkolu mwettaq għandha tkopri tal-anqas żewġ trimestri konsekuttivi.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu permess biex jintuża l-AMA meta l-istituzzjoni turi t-tqabbil kontinwu tagħha tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għar-riskju operazzjonali skont l-AMA mal-approċċ anqas sofistikat li kien japplika għaliha preċedentement, għal sena wara li jingħata l-permess.

IT-TIELET TAQSIMA

L-awditjar u l-validazzjoni interna

Artikolu 16

Il-funzjonament tal-awditjar u tal-validazzjoni interna

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-grad li bih il-funzjonijiet tal-awditjar u tal-validazzjoni interna ta' istituzzjoni jikkonformaw li l-proċessi tal-immaniġġjar u tal-kejl tar-riskju operazzjonali implimentati għall-finijiet tal-AMA huma affidabbli u effettivi fl-immaniġġjar u fil-kejl tar-riskju operazzjonali fi ħdan l-organizzazzjoni billi jivverifikaw tal-anqas dawn li ġejjin:
- (a) li l-funzjoni tal-validazzjoni interna tipprovdi opinjoni mmotivata u informata kif xieraq dwar jekk is-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali taħdimx kif previst, u li l-eżitu tal-mudell hu xieraq għad-diversi finijiet interni u superviżorji tagħha, tal-anqas fuq bażi annwali;
 - (b) li l-funzjoni tal-awditjar tivverifika l-integrità tal-politiki, tal-proċessi u tal-proċeduri tar-riskju operazzjonali, filwaqt li tivvaluta jekk dawn jikkonformawx mar-rekwiżiti regolatorji kif ukoll mal-kontrolli stabbiliti, tal-anqas fuq bażi annwali u b'mod partikolari, li l-funzjoni tal-awditjar tivvaluta l-kwalità tas-sorsi u tad-dejta użati għall-finijiet tal-immaniġġjar u tal-kejl tar-riskju operazzjonali;
 - (c) li l-funzjonijiet tal-awditjar u tal-validazzjoni interna għandhom programm ta' rieżami fis-seħħ li jkopri l-aspetti tal-AMA inklużi f'dan ir-Regolament u li dan jiġi aġġornat b'mod regolari fir-rigward:
 - (i) tal-iżvilupp tal-proċessi interni għall-identifikazzjoni, għall-kejl u għall-valutazzjoni, għall-monitoraġġ, għall-kontroll u għall-mitigazzjoni tar-riskju operazzjonali;
 - (ii) tal-implimentazzjoni ta' prodotti, ta' proċessi u ta' sistemi ġodda li jesponu lill-istituzzjoni għal riskju operazzjonali materjali;
 - (d) li l-validazzjoni interna ssir b'riżorsi kwalifikati, li jkunu indipendenti mill-unitajiet ivvalidati;
 - (e) li meta l-attivitatijiet tal-awditjar jitwettqu minn funzjonijiet tal-awditjar intern jew estern jew minn partijiet esterni kkwalfikati, dawn ikunu indipendenti mill-proċess jew mis-sistema li tkun qed tiġi rrieżaminata u, meta dawn jiġu esternalizzati, li l-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jibqgħu responsabbli biex jiżguraw li l-funzjonijiet esternalizzati jitwettqu f'konformità mal-pjan tal-awditu approvat tal-istituzzjonijiet;
 - (f) li r-rieżamijiet tal-awditu u tal-validazzjoni interna tal-qafas tal-AMA jkunu ddokumentati kif xieraq u li l-output tagħhom jiġi ddistribwit lir-riċevituri xierqa fi ħdan l-istituzzjonijiet, inklużi, fejn xieraq, il-kumitati tar-riskju, il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali, il-maniġment tal-linja operatorja u persunal rilevanti ieħor;

- (g) li r-riżultati tar-rieżamijiet tal-awditi u tal-validazzjoni interna jinġabru fil-qosor u jiġu rrapportati tal-anqas fuq bażi annwali lill-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jew lil kumitat iddeżinjat minn dan għall-approvazzjoni;
- (h) li r-rieżami u l-approvazzjoni tal-effettività tal-qafas tal-AMA tal-istituzzjoni jitwettqu tal-anqas fuq bażi annwali.

Artikolu 17

Il-governanza tal-awditjar u tal-validazzjoni interna

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw li l-governanza tal-awditjar u tal-validazzjoni interna ta' istituzzjoni tkun ta' kwalità għolja billi jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li l-programmi tal-awditjar għar-rieżami tal-qafas tal-AMA jkopru l-attivitajiet sinifikanti kollha li jistgħu jesponu lill-istituzzjoni għal riskju operazzjonali materjali, inklużi attivitajiet esternalizzati;
- (b) li t-tekniki ta' validazzjoni interna huma proporzjonati għall-kundizzjonijiet tas-suq u operatorji li jinbidlu, u li l-eżiti tagħhom huma soġġetti għal rieżami tal-awditjar.

IR-RABA' TAQSIMA

Il-kwalità tad-dejta u tal-infrastruttura tal-IT

Artikolu 18

Il-kwalità tad-dejta

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-grad li tinżamm fiha il-kwalità tad-dejta użata minn istituzzjoni fil-qafas tal-AMA, u li l-proċeduri tal-bini u tal-manutenzjoni jiġu analizzati b'mod regolari minn dik l-istituzzjoni, billi jivverifikaw li tal-anqas l-istituzzjoni jkollha s-settijiet ta' dejta li ġejjin għad-dispożizzjoni tagħha:

- (a) dejta biex tibni u tintraċċa l-istorja tar-riskju operazzjonali tagħha, magħmula minn dejta interna u esterna, minn analiżi tax-xenarji, u minn BEICF;
- (b) dejta kumplementari, inklużi parametri tal-mudell, outputs tal-mudell u rapporti.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw li l-istituzzjoni ddefinixxiet dimensjonijiet xierqa tal-kwalità tad-dejta biex tippovdi appoġġ effettiv lill-proċess ta' mmaniġġjar u lis-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali tagħha, u li din tikkonforma mad-dimensjonijiet stabbiliti fuq bażi regolari.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw li d-dimensjonijiet tal-kwalità tad-dejta tal-istituzzjoni jissodisfaw tal-anqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) dawn huma ta' firxa, fond u ambitu suffiċjenti għall-kompitu inkwistjoni;
- (b) dawn jissodisfaw il-ħtiġijiet attwali u potenzjali tal-utenti;
- (c) dawn jiġu aġġornati minnufih;
- (d) dawn huma xierqa għall-firxa tal-użu tagħhom u konsistenti magħha;
- (e) dawn jirrappreżentaw b'mod preċiż il-fenomeni tal-ħajja reali li għandhom l-għan li jirrappreżentaw;
- (f) dawn ma jksrux xi regola tan-negozju f'bażi ta' dejta li trid tiġi mantnuta statikament u dinamikament.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw li l-istituzzjoni għandha dokumentazzjoni xierqa għad-disinn u għall-manutenzjoni tal-bażijiet ta' dejta użati fil-qafas tal-AMA tal-istituzzjoni, u li d-dokumentazzjoni fiha tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) mappa globali tal-bażijiet ta' dejta involuti fis-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali bid-deskrizzjonijiet tagħhom;
- (b) politika tad-dejta u dikjarazzjoni tar-responsabbiltà;
- (c) deskrizzjonijiet tal-flussi tax-xogħol u tal-proċeduri relatati mal-għbir ta' dejta u mal-ħżin ta' dejta;
- (d) dikjarazzjoni tad-dgħjufijiet kollha identifikati fil-bażijiet ta' dejta tal-proċessi ta' validazzjoni u ta' rieżami u dikjarazzjoni dwar kif l-istituzzjoni tippjana li tikkoreġi jew tnaqqas id-dgħjufijiet identifikati.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw li l-politiki dwar l-SDLC għall-AMA huma approvati mill-korp maniġerjali u mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni.
6. Meta l-istituzzjoni tuża sorsi tad-dejta esterni, l-istituzzjoni għandha tiżgura li huma ssodisfati d-dispożizzjonijiet f'dan l-Artikolu.

Artikolu 19

Il-valutazzjoni superviżorja tal-infrastruttura tal-IT

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-grad li fih istituzzjoni tiżgura s-solidità, ir-robustezza u l-prestazzjoni tal-infrastruttura tal-IT użata għall-finijiet tal-AMA billi jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:
 - (a) li s-sistemi u l-infrastruttura tal-IT tal-istituzzjoni għall-finijiet tal-AMA huma solidi u reżiljenti u li dawn il-karatteristiċi jistgħu jiġu mantnuti fuq bażi kontinwa;
 - (b) li l-SDLC għall-finijiet tal-AMA hu solidu u xieraq b'referenza:
 - (i) għall-ġestjoni tal-proġetti, għall-immaniġġjar tar-riskju, u għall-governanza;
 - (ii) għall-inġinerija, għall-garanzija tal-kwalità u għall-ippjanar tat-testijiet;
 - (iii) għall-immudellar u għall-iżvilupp tas-sistemi;
 - (iv) għall-garanzija tal-kwalità fl-attivitajiet kollha, inklużi rieżamijiet tal-kodiċi u, fejn xieraq, verifika tal-kodiċi;
 - (v) għall-ittestjar, inkluża l-aċċettazzjoni tal-utenti.
 - (c) li l-infrastruttura tal-IT tal-istituzzjoni implimentata għall-finijiet tal-AMA hi soġġetta għall-proċessi ta' mmaniġġjar tal-konfigurazzjoni, ta' mmaniġġjar tat-tibdiliet u ta' mmaniġġjar tar-rilaxx;
 - (d) li l-SDLC u l-pjanijiet ta' kontinġenza għall-finijiet tal-AMA huma approvati mill-korp maniġerjali jew mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni u li l-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri jiġu informati perjodikament dwar il-prestazzjoni tal-infrastruttura tal-IT għall-finijiet tal-AMA.
2. Meta l-istituzzjoni testernalizza partijiet mill-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-IT għall-finijiet tal-AMA, l-istituzzjoni għandha tiżgura li d-dispożizzjonijiet f'dan l-Artikolu huma ssodisfati.

KAPITOLU 3

STANDARDS KWANTITATTIVI

L-EWWEL TAQSIMA

L-użu tad-dejta interna, tad-dejta esterna, tal-analiżi tax-xenarji u tal-BEICF ("l-erba' elementi")

Artikolu 20

Il-prinċipji ġenerali

- L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mal-istandards relatati mal-użu tad-dejta interna, tad-dejta esterna, tal-analiżi tax-xenarji u tal-BEICF ("l-erba' elementi"), kif imsemmija fl-Artikolu 322 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, billi jivverifikaw tal-anqas dawn li ġejjin:
- (a) li l-istituzzjoni għandha dokumentazzjoni interna li tispeċifika f'dettall kif huma miġbura, ikkombinati u/jew ponderati l-erba' elementi, inkluża deskrizzjoni tal-proċess ta' mmudellar li juri l-użu u t-taħlita tal-erba' elementi u tal-ħsieb wara l-għażliet ta' mmudellar;
 - (b) li l-istituzzjoni jkollha fehim ċar ta' kif kull wieħed mill-erba' elementi jinflwenza r-rekwiżiti tal-fondi proprji tal-AMA;
 - (c) li t-taħlita tal-erba' elementi użata mill-istituzzjoni tkun ibbażata fuq metodoloġġa statistika solida li tkun suffiċjenti biex jiġu estimati perċentili għoljin;

- (d) li l-istituzzjoni tal-anqas tkun tapplika dawn li ġejjin meta tiġbor, tiġġenera u tittratta l-erba' elementi:
- (i) il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 21 sa 24 relatati mad-dejta interna;
 - (ii) il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 25 relatati mad-dejta esterna;
 - (iii) il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 26 relatati mal-analiżi tax-xenarji;
 - (iv) il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 27 relatati mal-BEICEF.

L-EWWEL SUBTAQSIMA

Id-dejta interna

Artikolu 21

Il-karatteristiċi tad-dejta interna

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mal-istandards relatati mal-karatteristiċi tad-dejta interna, kif imsemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 20(d), billi jivverifikaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li l-istituzzjoni tiġbor l-elementi kollha li ġejjin fi ħdan il-grupp b'mod ċar u konsistenti:
 - (i) it-telf gross ikkawżat mill-okkorrenza ta' avveniment ta' riskju operazzjonali;
 - (ii) l-irkupru.
- (b) li l-istituzzjoni kapaċi tidentifika b'mod separat l-ammont ta' telf gross, l-irkupru mill-assigurazzjoni u minn mekkaniżmi oħra ta' trasferiment tar-riskju (ORTM) u l-irkupru ħliet mill-assigurazzjoni u mill-ORTM wara avveniment ta' riskju operazzjonali, ħliet għat-telf li jiġi rkuprat f'parti minnu jew bis-sħiħ fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol;
- (c) li l-istituzzjoni timplimenta sistema għad-definizzjoni u għall-ġustifikazzjoni tal-livelli limitu xierqa tal-ġbir ta' dejta fuq il-bażi tal-ammont ta' telf gross;
- (d) li l-kategorija tar-riskju operazzjonali hi raġonevoli u ma twarrabx dejta dwar it-telf li tkun materjali għall-kejl tar-riskju operazzjonali u għall-immaniġġjar tar-riskju effettivi;
- (e) li għal kull telf individwali, l-istituzzjoni kapaċi tidentifika u tirreġistra tal-anqas l-elementi li ġejjin fil-bażi ta' dejta interna:
 - (i) id-data tal-okkorrenza jew tal-bidu tal-okkorrenza tal-avveniment ta' riskju operazzjonali, meta tkun disponibbli;
 - (ii) id-data tal-iskoperta tal-avveniment ta' riskju operazzjonali;
 - (iii) id-data tal-kontabbiltà.

Artikolu 22

L-ambitu tat-telf mir-riskji operazzjonali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw li istituzzjoni tidentifika, tiġbor u tittratta l-entrati tat-telf iġġenerati minn avveniment ta' riskju operazzjonali, kif imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 20(d), billi jivverifikaw li l-istituzzjoni tinkludi tal-anqas dawn li ġejjin fi ħdan l-ambitu tat-telf mir-riskji operazzjonali għall-finijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju operazzjonali kif ukoll ta' kalkolu tar-riżiżiti ta' fondi proprji tal-AMA:

- (a) l-imposti diretti, inklużi l-imposti għall-indebolimenti u għas-saldu, iddebitati fil-kont tal-Introjtu u t-tniżżiliet 'l isfel fil-valur dovuti għall-avveniment ta' riskju operazzjonali;
- (b) il-kostijiet imġarrba bħala konsegwenza tal-avveniment ta' riskju operazzjonali, inklużi dawn li ġejjin:
 - (i) spejjeż esterni b'rabta diretta mal-avveniment ta' riskju operazzjonali, inklużi l-ispejjeż legali u t-tariffi mħallsa lil konsulenti, lil avukati jew lil fornituri;
 - (ii) il-kostijiet tat-tiswija jew tas-sostituzzjoni biex tiġi restawrata l-pożizzjoni prevalenti qabel l-avveniment tar-riskju operazzjonali, fil-forma ta' ċifri preċiżi jew inkella, fejn dawn ma jkunux disponibbli, fil-forma ta' stimi.
- (c) provvedimenti jew riżervi mniżżla fir-Rapport tal-Introjtu kontra t-telf mir-riskji operazzjonali probabbli, inkluż dak minn avvenimenti ta' mgħiba ħażina;

- (d) it-telf pendenti, fil-forma ta' telf li jirriżulta minn avveniment ta' riskju operazzjonali, li temporanjament jiġi rreġistrat f'kontijiet tranżitorji jew ta' sospiża u li għadu mhuxwix rifless fir-Rapport tal-Introjtu li hu pplanat li jiġi inklużi fi ħdan perjodu ta' żmien proporzjonat għad-daqs u għall-età tal-entrata pendenti;
- (e) dħul materjali mhux miġbur, relatat ma' obbligi kuntrattwali ma' partijiet terzi, inklużi d-deċiżjoni ta' kumpens lil klijent wara l-avveniment tar-riskju operazzjonali, minflok b'rimborż jew b'pagament dirett, permezz ta' aġġustament tad-dħul li jirrinunzja jew inaqas it-tariffi kuntrattawli għal perjodu ta' żmien futur speċifiku;
- (f) it-telf relatat mat-twaqqit, meta dan ikun ikopri aktar minn sena kontabilistika finanzjarja waħda u jwassal għal riskju ġuridiku.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, sa fejn ikun xieraq, jikkonfermaw li l-istituzzjoni tidentifika, tiġbor u tittratta għall-finijiet tal-immaniġġjar tar-riskju operazzjonali kwalunkwe entrata addizzjonali meta din tkun toriġina minn avveniment ta' riskju operazzjonali materjali, inklużi dawn li ġejjin:

- (a) kważi aċċident fil-forma ta' telf żero kkawżat minn avveniment ta' riskju operazzjonali, inklużi interruzzjoni tal-IT fil-kamra tan-negozjar ftit wara l-ħinijiet tan-negozjar;
- (b) titjib ikkawżat minn avveniment ta' riskju operazzjonali;
- (c) il-kostijiet tal-għażla fil-forma ta' żieda fil-kostijiet jew ta' nuqqas fid-dħul dovut għal avvenimenti ta' riskju operazzjonali li jipprevjenu milli jsir negozju fil-futur, inklużi kostijiet mhux ibbaġitjati tal-persunal, dħul mitluf, u kostijiet tal-proġett relatati mat-titjib tal-proċessi;
- (d) il-kostijiet interni inklużi sahra jew bonusis.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw ukoll li l-istituzzjoni teskludi l-entrati li ġejjin mill-ambitu tat-telf mir-riskji operazzjonali:

- (a) il-kostijiet ta' kuntratti tal-manutenzjoni ġenerali fuq proprjetà, impjant jew tagħmir;
- (b) in-nefġiet interni jew esterni biex jissaħħaħ in-negozju wara l-okkorrenza ta' avveniment ta' riskju operazzjonali, inklużi aġġornamenti, titjib, inizjattivi tal-valutazzjoni tar-riskju u tisħiħ;
- (c) il-primjums tal-assigurazzjoni.

Artikolu 23

L-ammont ta' telf irreġistrat tal-entrati ta' riskju operazzjonali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw li istituzzjoni tirreġistra l-ammont ta' telf iġġenerat minn avveniment ta' riskju operazzjonali, kif imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 20(d), billi jivverifikaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li l-ammont sħiħ tat-telf jew tal-ispejjeż imġarrba, inklużi l-provvedimenti, il-kostijiet tas-saldu, l-ammonti mħallsa biex jagħmlu tajjeb għad-dannu, il-penali, l-imġax bl-arretrati u t-tariffi legali, hu meqjus bħala ammont ta' telf irreġistrat għall-finijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju operazzjonali kif ukoll ta' kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor;
- (b) li, meta l-avveniment ta' riskju operazzjonali jkun relatat mar-riskju tas-suq, l-istituzzjoni tinkludi l-kostijiet għall-istralċ ta' pożizzjonijiet tas-suq fl-ammont ta' telf irreġistrat tal-entrati ta' riskju operazzjonali; u li, meta l-pożizzjoni tinżamm miftuħa apposta wara li jiġi rikonoxxut l-avveniment ta' riskju operazzjonali, kwalunkwe sehem mit-telf dovut għal kundizzjonijiet avversi tas-suq wara d-deċiżjoni biex il-pożizzjoni tinżamm miftuħa mhix inklużi fl-ammont ta' telf irreġistrat tal-entrati ta' riskju operazzjonali;
- (c) li, meta l-pagamenti tat-taxxa jkun relatati ma' nuqqasijiet jew ma' proċessi inadegwati tal-istituzzjoni, l-istituzzjoni tinkludi fl-ammont ta' telf irreġistrat tal-attributi ta' riskju operazzjonali l-ispejjeż imġarrba bħala riżultat tal-avveniment ta' riskju operazzjonali, inklużi l-penali, l-imposti tal-imġax, l-imposti għal ħlas tardiv, u t-tariffi legali, bl-esklużjoni tal-ammont tat-taxxa oriġinarjament dovut;
- (d) li, meta jkun hemm telf relatat mat-twaqqit u l-avveniment tar-riskju operazzjonali jaffettwa b'mod dirett lill-partijiet terzi, inklużi lil klijenti, il-fornituri u l-impjegati tal-istituzzjoni, l-istituzzjoni tinkludi fl-ammont tat-telf irreġistrat tal-entrata tar-riskju operazzjonali l-korrezzjoni tar-rapport finanzjarju wkoll.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, meta l-avveniment tar-riskju operazzjonali jwassal għal avveniment ta' telf, li parzjalment jiġi rkuprat rapidament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw bħala xierqa l-inklużjoni fl-ammont ta' telf irreġistrat, f'isem l-istituzzjoni, ta' parti biss mit-telf li ma tkunx ġiet irkuprata rapidament f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 21.

*Artikolu 24***It-telf mir-riskji operazzjonali li hu relatat mar-riskju ta' kreditu**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw li istituzzjoni tidentifika, tiġbor u tittratta t-telf mir-riskji operazzjonali li hu relatat mar-riskju ta' kreditu, kif imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 20(d), billi jivverifikaw li l-istituzzjoni tinkludi fi ħdan l-ambitu tat-telf mir-riskju operazzjonali, għall-finijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju operazzjonali, tal-anqas dawn li ġejjin:
 - (a) frodi mwettqa minn klijent tal-istituzzjoni għan-nom proprju, li jseħħu fi prodott ta' kreditu jew fi proċess ta' kreditu fl-istadju inizjali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' relazzjoni ta' kreditu, inkluż l-inkitament għal deċiżjonijiet ta' self fuq il-bażi ta' dokumenti kontrafatti jew ta' rapporti finanzjarji ddikjarati ħażin, bħan-nuqqas ta' eżistenza jew stima eċċessiva ta' kollaterali u konferma tas-salarju kontrafatta;
 - (b) frodi mwettaq permezz tal-identità ta' persuna oħra mhux konxja ta' dan, inklużi applikazzjonijiet għal self permezz ta' frodi tal-identità elettronika bl-użu ta' dejta ta' klijenti jew ta' identitajiet fittizji jew permezz ta' użu frodulent tal-karti tal-kreditu tal-klijenti.
2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw li l-istituzzjoni tal-anqas tiegħu l-azzjonijiet li ġejjin:
 - (a) taġġusta l-livell limitu tal-ġbir ta' dejta relatat mal-avvenimenti ta' telf deskritti fil-paragrafu 1 sal-livelli komparabbli bħal dawk tal-kategoriji l-oħra tar-riskju operazzjonali tal-qafas tal-AMA, fejn xieraq;
 - (b) tinkludi fi ħdan it-telf gross tal-avvenimenti deskritti fil-paragrafu 1 l-ammont pendenti totali fiż-żmien li fih jiġi skopert il-frodi jew wara dan, u kwalunkwe spiża relatata, inklużi l-imġax bl-arretrati u t-tariffi legali.

*Artikolu 25***Id-dejta esterna**

- L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mal-istandards relatati mal-karatteristiċi tad-dejta esterna, kif imsemmija fil-punt (ii) tal-Artikolu 20(d), billi jivverifikaw tal-anqas dawn li ġejjin:
- (a) li, meta istituzzjoni tiegħu sehem f'inizjattivi ta' konsorzji għall-ġbir ta' avvenimenti ta' riskju operazzjonali u ta' telf minn riskju operazzjonali, l-istituzzjoni tkun kapaċi tipprovdi dejta tal-istess kwalità, f'termini tal-ambitu, tal-integrità u tal-komprensività, bħal dejta interna li tilħaq l-istandards imsemmija fl-Artikoli 21, 22, 23 u 24 u li tagħmel dan b'mod konsistenti mat-tip ta' dejta mitluba mill-istandards ta' rapportar tal-konsorzji;
 - (b) li l-istituzzjoni għandha proċess ta' ffiltrar tad-dejta fis-seħħ li jippermetti li tingħażel id-dejta esterna rilevanti, fuq il-bażi ta' kriterji speċifiċi stabbiliti u li d-dejta esterna li tkun qed tintuża tkun rilevanti u konsistenti mal-profil tar-riskju tal-istituzzjoni;
 - (c) li, biex jiġi evitat preġudizzju fl-istimi tal-parametri, il-proċess ta' ffiltrar jirriżulta f'għażla konsistenti ta' dejta irrispettivament mill-ammont ta' telf, u li, meta l-istituzzjoni tippermetti eċċezzjonijiet għal dan il-proċess ta' għażla, din ikollha politika li tipprovdi kriterji għall-eċċezzjonijiet u dokumentazzjoni li ssostni l-ħsieb wara dawk l-eċċezzjonijiet;
 - (d) li, meta l-istituzzjoni tadotta proċess ta' skalar tad-dejta li jinvolvi l-aġġustament tal-ammonti ta' telf irrapportati f'dejta esterna, jew tad-distribuzzjonijiet relatata, biex ikunu koperti l-attivitajiet tan-negozju, in-natura u l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni, il-proċess ta' skalar hu sistematiku u statistikament sostnut u li dan jipprovdi outputs li jkunu konsistenti mal-profil tar-riskju tal-istituzzjoni;
 - (e) li l-proċess ta' skalar tal-istituzzjoni hu konsistenti maż-żmien u li l-validità u l-effettività tiegħu jiġu rieżaminati b'mod regolari.

*Artikolu 26***L-analiżi tax-xenarji**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mal-istandards relatati mal-analiżi tax-xenarji, kif imsemmija fil-punt (iii) tal-Artikolu 20(d), billi jivverifikaw tal-anqas dawn li ġejjin:
 - (a) li l-istituzzjoni għandha qafas ta' governanza robust fis-seħħ relatat mal-proċess tax-xenarju li jiġġenera stimi kredibbli u affidabbli, irrispettivament minn jekk ix-xenarju jintużax għall-evalwazzjoni ta' avvenimenti ta' severità kbira jew inkella tal-iskoperturi tar-riskji operazzjonali ġenerali;

- (b) li l-proċess tax-xenarju hu ddefinit biċ-ċar, iddokumentat sew, ripetibbli u mfassal biex inaqqas kemm jista' jkun is-soġġettività u l-preġudizzji, inklużi:
- (i) is-sottovalutazzjoni tar-riskju minħabba l-ġhadd żgħir ta' avvenimenti osservati;
 - (ii) id-dikjarazzjoni falza ta' informazzjoni minħabba interessi tal-assessuri tax-xenarju li jkunu f'kunflitt mal-għanijiet u mal-konsegwenzi tal-valutazzjoni;
 - (iii) is-sopravalutazzjoni ta' avvenimenti bi qrubija temporali għall-assessuri tax-xenarju;
 - (iv) it-tfikkil tal-valutazzjoni minħabba l-kategoriji li fi hdnhom jiġu rrappreżentati t-tweġibiet;
 - (v) il-preġudizzju fl-informazzjoni ppreżentata fil-materjali ta' sfond għall-mistoqsijiet ta' stħarriġ jew fi hdn il-mistoqsijiet infushom.
- (c) li faċilitaturi kkwalifikati u esperjenzati jipprovdu konsistenza fil-proċess;
- (d) li s-suppożizzjonijiet użati fil-proċess tax-xenarju jkunu bbażati, kemm jista' jkun, fuq id-dejta interna u fuq id-dejta esterna rilevanti bi proċess tal-ġhażla oġġettiv u ħieles minn preġudizzji;
- (e) li l-ġhadd magħżul ta' xenarji, il-livell jew l-unitajiet li fih huma studjati x-xenarji, huma realistiċi u spjegati kif suppost, u li l-istimi tax-xenarji jqisu t-tibdiliet rilevanti fl-ambjenti interni u esterni li jistgħu jaffettwaw l-iskopertura tar-riskji operazzjonali tal-istituzzjoni;
- (f) li l-istimi tax-xenarji jiġu ġġenerati b'kunsiderazzjoni tal-avvenimenti ta' riskju operazzjonali potenzjali jew probabbli li għadhom ma mmaterjalizzawx, bis-sħiħ jew f'parti minnhom, f'telf mir-riskji operazzjonali;
- (g) li l-proċess u l-istimi tax-xenarji huma soġġetti għal proċess ta' kontestazzjoni indipendenti robust u għal sorveljanza.

Artikolu 27

L-Ambjent Kummerċjali u l-Fatturi ta' Kontroll Intern

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mal-istandards relatati mal-BEICF, kif imsemmija fil-punt (iv) tal-Artikolu 20(d), billi jivverifikaw tal-anqas dawn li ġejjin

- (a) li l-BEICF tal-istituzzjoni jħarsu 'l quddiem u jirriflettu s-sorsi potenzjali tar-riskju operazzjonali, inkluż tkabbir rapidu, l-introduzzjoni ta' prodotti ġodda, id-dawran tal-impjegati u l-perjodu ta' qtugħ tas-sistema;
- (b) li l-istituzzjoni għandha linji gwida ta' politika ċari li jllimitaw il-firxa tat-tnaqqisiet fir-reqwiziti ta' fondi proprji tal-AMA li jirriżultaw mill-aġġustamenti tal-BEICF;
- (c) li l-aġġustamenti tal-BEICF imsemmija fil-punt (b) huma ġġustifikati u li l-adeqgatezza tal-livell tagħhom hija kkonfermata bi tqabbil, maż-żmien, mad-direzzjoni u mal-firxa tad-dejta interna reali dwar it-telf, tal-kundizzjonijiet fl-ambjent tan-negożju u tat-tibdiliet fl-effettività vvalidata tal-kontrolli.

IT-TIENI TAQSIMA

Suppożizzjonijiet ewlenin tal-immudellar tas-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali

Artikolu 28

Il-valutazzjoni ġenerali

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-istandards ta' istituzzjoni relatati mas-suppożizzjonijiet tal-immudellar ċentrali tas-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali, kif imsemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 322(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, billi jivverifikaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li l-istituzzjoni tiżviluppa, timplimenta u tmantni sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali li hi għandha bażi metodoloġikament solida, effettiva fil-kopertura tar-riskju operazzjonali attwali u potenzjali tal-istituzzjoni, u affidabbli u robusta fil-ġenerazzjoni tar-reqwiziti ta' fondi proprji tal-AMA;
- (b) li l-istituzzjoni għandha politiki xierqa dwar il-bini tas-sett tad-dejta tal-kalkolu, f'konformità mal-Artikolu 29;
- (c) li l-istituzzjoni tapplika l-livell xieraq ta' granularità fil-mudell tagħha, f'konformità mal-Artikolu 30;

- (d) li l-istituzzjoni għandha fis-seħħ proċess xieraq għall-identifikazzjoni tad-distribuzzjonijiet tat-telf, f'konformità mal-Artikolu 31;
- (e) li l-istituzzjoni tiddetermina d-distribuzzjonijiet tat-telf aggregat u l-kejl tar-riskju b'mod xieraq, f'konformità mal-Artikolu 32.

Artikolu 29

Il-bini tas-sett tad-dejta tal-kalkolu

Għall-finijiet tal-valutazzjoni li istituzzjoni jkollha politiki xierqa dwar il-bini tas-sett tad-dejta tal-kalkolu, kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 28, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li l-kriterji u l-eżempji speċifiċi għall-klassifikazzjoni u għat-trattament tal-avvenimenti ta' riskju operazzjonali u tat-telf minn riskju operazzjonali fi ħdan is-sett tad-dejta tal-kalkolu huma ddefiniti mill-istituzzjoni, u li t-tali kriterji u eżempji jipprovdu trattament konsistenti tad-dejta tat-telf fi ħdan l-istituzzjoni kollha;
- (b) li l-istituzzjoni ma tużax it-telf nett mill-assigurazzjoni u l-irkupri tal-ORTM fis-sett tad-dejta tal-kalkolu;
- (c) li l-istituzzjoni adottat, għall-kategoriji tar-riskju operazzjonali bi frekwenza baxxa ta' avvenimenti, perjodu ta' osservazzjoni itwal mill-minimu msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 322(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- (d) li l-istituzzjoni, matul il-bini tas-sett tad-data tal-kalkolu għall-finijiet ta' stima tad-distribuzzjonijiet tal-frekwenza u tas-severità, tuża d-data tal-iskoperta jew id-data tal-kontabbiltà biss, u tuża data li ma tiġix aktar tard mid-data tal-kontabbiltà għall-inklużjoni ta' telf jew ta' provvedimenti relatati mar-riskju ġuridiku fis-sett tad-dejta tal-kalkolu;
- (e) li l-għażla mill-istituzzjoni tal-livell limitu minimu tal-immudellar ma jħallix impatt avvers fuq il-preċiżjoni tal-kejl tar-riskju operazzjonali u li l-użu tal-livelli limitu minimi ta' mmudellar li huma ferm ogħla mil-livelli limitu tal-ġbir ta' dejta hu limitat u, fejn applikat, iġġustifikat kif xieraq mill-analiżi tas-sensittività ta' diversi livelli limitu mwettqa mill-istituzzjoni;
- (f) li l-istituzzjoni tinkludi t-telf operatorju kollu li jaqbeż il-livell limitu minimu ta' mmudellar fis-sett tad-dejta tal-kalkolu u li tuża dan, irrispettivament mil-livell tiegħu, biex tiġġenera r-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA;
- (g) li l-istituzzjoni tapplika rati ta' aġġustament xierqa fuq id-dejta meta l-effetti tal-inflazzjoni jew ta' deflazzjoni jkunu materjali;
- (h) li kull telf ikkawżat mill-avveniment oriġinali fil-forma ta' avveniment komuni ta' riskju operazzjonali jew minn avvenimenti multipli marbuta ma' avveniment inizjali ta' riskju operazzjonali li jġġenera avvenimenti jew telf, hu raggruppat u mdaħħal fis-sett tad-dejta tal-kalkolu bħala telf wieħed mill-istituzzjoni;
- (i) li kwalunkwe eċċezzjoni possibbli għat-trattament stabbilit fil-punt (h) hi ddokumentata u ġġustifikata kif xieraq għall-prevenzjoni ta' tnaqqis indebitu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA;
- (j) li l-istituzzjoni ma twarrabx mis-sett ta' dejta tal-kalkolu tal-AMA aġġustamenti materjali għat-telf mir-riskji operazzjonali ta' avvenimenti individwali jew relatati, meta d-data ta' referenza ta' dawn l-aġġustamenti tkun taqa' fi ħdan il-perjodu ta' osservazzjoni u d-data ta' referenza tal-avveniment inizjali uniku jew tal-avveniment oriġinali msemmi fil-punt (h) taqa' barra mit-tali perjodu;
- (k) li l-istituzzjoni kapaċi tiddistingwi, għal kull sena ta' referenza inkluża fil-perjodu ta' osservazzjoni, l-ammonti ta' telf li jappartjenu għal avvenimenti skoperti f'dik is-sena jew imniżżla fil-kontijiet ta' dik is-sena mill-ammonti ta' telf li jappartjenu għal aġġustamenti jew għal raggruppament ta' avvenimenti skopruti fis-snin preċedenti jew imniżżla fil-kontijiet ta' snin preċedenti.

Artikolu 30

Il-granularità

Għall-finijiet tal-valutazzjoni li istituzzjoni tapplika l-livell xieraq ta' granularità fil-mudell tagħha, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 28, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li l-istituzzjoni tiegħu f'kunsiderazzjoni n-natura, il-komplessità u l-idjosinkraziji tal-attivitajiet tan-negozju tagħha u r-riskji operazzjonali li hi skoperta għalihom, meta tiġbor flimkien riskji li għandhom fatturi komuni bejniethom u tiddefinixxi l-kategoriji tar-riskju operazzjonali ta' AMA;
- (b) li l-istituzzjoni tiġġustifika l-għażla tagħha tal-livell ta' granularità tal-kategoriji tar-riskju operazzjonali tagħha fuq il-bażi ta' mezzi kwalitattivi u kwantitattivi, u li hi tikklassifika l-kategoriji tar-riskju operazzjonali fuq il-bażi ta' dejta omoġenea, indipendenti u stazzjonarja;

- (c) li l-għażla mill-istituzzjoni tal-livell ta' granularità tal-kategoriji tar-riskju operazzjonali tagħha hi realistika u ma tħallix impatt avvers fuq il-konservattiviżmu tal-eżitu tal-mudell jew tal-partijiet tiegħu;
- (d) li l-istituzzjoni tirrieżamina l-għażla tal-livell ta' granularità tal-kategoriji tar-riskju operazzjonali tagħha fuq bażi regolari bl-għan li tiżgura li dan jibqa' xieraq.

Artikolu 31

L-identifikazzjoni tad-distribuzzjonijiet tat-telf

Għall-finijiet li jiġi vvalutat jekk l-istituzzjoni jkollhiex proċess xieraq għall-identifikazzjoni tal-frekwenza u tas-severità tad-distribuzzjonijiet tat-telf, kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 28, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li l-istituzzjoni ssegwi proċess speċifikat sew, iddokumentat u traċċabbli għall-għażla, għall-aġġornar u għar-rieżami tad-distribuzzjonijiet tat-telf u għall-istima tal-parametri tagħhom;
- (b) li l-proċess għall-għażla tad-distribuzzjonijiet tat-telf jirriżulta f'għażliet konsistenti u ċari mill-istituzzjoni, ikopri kif xieraq il-profil tar-riskju fit-tail u jinkludi tal-anqas l-elementi li ġejjin:
 - (i) proċess ta' użu ta' għodod statistiċi, inklużi graffs, kejl taċ-ċentru, varjazzjoni, koeffiċjent ta' assimetrija u leptokurtozi għall-investigazzjoni tas-sett ta' dejta tal-kalkolu għal kull kategorija tar-riskju operazzjonali bl-għan li jiġi mifhum aħjar il-profil statistiku tad-dejta u tingħażel l-aktar distribuzzjoni xierqa;
 - (ii) tekniki xierqa għall-istima tal-parametri tad-distribuzzjoni;
 - (iii) għodod djanjostiċi xierqa għall-evalwazzjoni tad-distribuzzjonijiet għad-dejta, bl-għoti ta' preferenza lil dawk li huma l-aktar sensitivi għat-tail;
- (c) li, matul l-għażla ta' distribuzzjoni tat-telf, l-istituzzjoni tikkunsidra bil-galbu l-koeffiċjent pożittiv ta' assimetrija u l-leptokurtosi tad-dejta;
- (d) li, meta d-dejta tkun aktar imferrxa fit-tail, ma jintużawx kurvi empiriċi biex jiġi stmat ir-reġjun tat-tail, iżda minflok jintużaw distribuzzjonijiet subesponenzjali li t-tail tagħhom jonqos b'rata aktar bil-mod mid-distribuzzjonijiet esponenzjali, sakemm ma jkunux jeżistu raġunijiet eċċezzjonali biex jiġu applikati funzjonijiet oħra, li fi kwalunkwe każ huma indirizzati u ġġustifikati bis-sħiħ għall-prevenzjoni ta' tnaqqis indebitu tar-reqwiziti ta' fondi proprji tal-AMA;
- (e) li, meta jintużaw distribuzzjonijiet tat-telf separati għall-body u għat-tail, l-istituzzjoni tikkunsidra bir-reqqa l-għażla tal-livell limitu tal-mmudellar body-tail;
- (f) li hu pprovdut l-appoġġ statistiku ddokumentat, issupplimentat kif xieraq minn elementi kwalitattivi, għal-livell limitu tal-immudellar body-tail magħżul;
- (g) li, matul l-istima tal-parametri tad-distribuzzjoni, l-istituzzjoni jew tirrifletti n-nuqqas ta' komplettezza tas-sett tad-dejta tal-kalkolu minħabba l-preżenza ta' livelli limitu minimi ta' mmudellar fil-mudell jew inkella din tiġġustifika l-użu ta' sett tad-dejta tal-kalkolu mhux komplut fuq il-bażi li dan ma jħallix impatt avvers fuq il-preċiżjoni tal-istimi tal-parametri u r-reqwiziti ta' fondi proprji tal-AMA;
- (h) li l-istituzzjoni għandha fis-seħħ metodoloġiji biex tnaqqas il-varjabbiltà tal-istimi tal-parametri u tipprovdi kejl tal-errur ta' dawn l-istimi inklużi l-intervalli ta' kunfidenza u l-valuri p;
- (i) li, meta l-istituzzjoni tadotta stimaturi robusti fil-forma ta' ġeneralizzazzjonijiet ta' stimaturi klassiċi, bi proprjetajiet statistiċi tajbin inklużi effiċjenza għolja u preġudizzju baxx għal sezzjoni sħiħa tad-distribuzzjoni sottostanti mhux magħrufa tad-dejta, din tista' turi li l-użu tagħhom ma jissottovalutax ir-riskju fit-tail tad-distribuzzjoni tat-telf;
- (j) li l-istituzzjoni tivvaluta l-idoneità bejn id-dejta u d-distribuzzjoni magħżula billi tuża għodod djanjostiċi kemm ta' natura grafika kif ukoll kwantitattiva, li huma aktar sensitivi għat-tail milli għall-body tad-dejta, speċjalment meta d-dejta tkun imferrxa ħafna fit-tail;
- (k) li, meta xieraq, inkluż meta l-għodod djanjostiċi ma jwasslux għal għażla ċara għall-aktar distribuzzjoni idonea jew għall-mitigazzjoni tal-effett tad-daqs tal-kampjun u tal-għadd ta' parametri stmati fit-testijiet tal-idoneità, l-istituzzjoni tuża metodi ta' evalwazzjoni li jqabblu l-prestazzjoni relattiva tad-distribuzzjonijiet tat-telf, inkluż il-Proporzjon ta' Probabbiltà, il-Kriterju ta' Informazzjoni Akaike, u l-Kriterju Schwarz Bayesian;

- (l) li l-istituzzjoni għandha ċiklu regolari għall-kontroll tas-suppożizzjonijiet sottostanti għad-distribuzzjonijiet tat-telf magħżula, u li meta s-suppożizzjonijiet jiġu invalidati, inkluż meta dawn jiġġeneraw valuri barra mill-meded stabbiliti, l-istituzzjoni ttestja metodi alternattivi u li hi tkun ikklassifikat kif xieraq kwalunkwe tibdil li tagħmel fis-suppożizzjonijiet, f'konformità mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 529/2014⁽¹⁾.

Artikolu 32

Id-determinazzjoni tad-distribuzzjonijiet tat-telf aggregat u l-kejl tar-riskju

Għall-finijiet li jiġi vvalutat jekk istituzzjoni hijiex qed tiddetermina d-distribuzzjonijiet tat-telf aggregat u l-kejl tat-telf kif xieraq, kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 28, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li t-tekniki elaborati mill-istituzzjoni għal dak l-għan jiżguraw livelli xierqa ta' preċiżjoni u ta' stabbiltà tal-kejl tar-riskju;
- (b) li l-kejl tar-riskju huma ssupplimentati b'informazzjoni dwar il-livell ta' preċiżjoni tiegħu;
- (c) li, irrispettivament mit-tekniki użati għall-aggregazzjoni tad-distribuzzjonijiet tal-frekwenza u tas-severità tat-telf, inklużi s-simulazzjonijiet ta' Monte Carlo, il-metodi relatati ma' Fourier Transform, l-algoritmu ta' Panjer u l-Approssimazzjonijiet ta' Telf Wieħed, l-istituzzjoni tadotta kriterji li jimmitigaw erruri relatati mal-kampjun u dawk numeriċi u tipprovdi kejl tad-daqs ta' dawn l-erruri;
- (d) li, meta jintużaw simulazzjonijiet ta' Monte Carlo, l-għadd ta' passi li għandhom jitwettqu jkun konsistenti mal-forma tad-distribuzzjonijiet u mal-livell ta' fiduċja li għandu jinkiseb;
- (e) li, meta d-distribuzzjoni tat-telf ikollha enfasi kbira fuq it-tail u titkejjel b'livell għoli ta' fiduċja, l-għadd ta' passi jkun kbir biżżejjed biex titnaqqas il-varjabbiltà tal-kampjunar għal livell aċċettabbli;
- (f) li, meta jintużaw il-metodu ta' Fourier Transform jew metodi numeriċi oħra, l-istabbiltà tal-algoritmu u l-kwistjonijiet relatati mal-propagazzjoni tal-errur jiġu kkunsidrati bir-reqqa;
- (g) li l-kejl tar-riskju tal-istituzzjoni ġġenerat mis-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali jissodisfa l-prinċipju monotoniku tar-riskju, li jista' jidher mill-ġenerazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji oġġla meta l-profil tar-riskju sottostanti jiżjed u mill-ġenerazzjoni ta' rekwiżiti ta' fondi proprji aktar baxxi meta l-profil tar-riskju sottostanti jonqos;
- (h) li l-kejl tar-riskju tal-istituzzjoni ġġenerat mis-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali hu realistiku minn perspettiva maniġerjali u ekonomika, u aktar minn hekk li l-istituzzjoni tapplika tekniki xierqa biex tevita ffixar ta' limitu massimu fuq it-telf uniku massimu, sakemm ma tipprovdi motivazzjoni oġġettiva ċara għall-eżistenza ta' livell massimu, u biex tevita l-implikazzjoni tan-nuqqas ta' eżistenza TAL-ewwel mument statistiku tad-distribuzzjoni;
- (i) li l-istituzzjoni tevalwa b'mod espliċitu r-robustezza tal-eżitu tas-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali billi tagħmel analiżi xierqa tas-sensittività fuq id-dejta tal-input jew fuq il-parametri tagħha.

IT-TIELET TAQSIMA

It-telf mistenni u l-korrelazzjoni

Artikolu 33

It-telf mistenni

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-istandards ta' istituzzjoni relatati mat-telf mistenni, kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 322(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, billi jikkonfermaw li meta l-istituzzjoni tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA b'rabta mat-telf mhux mistenni biss, din tikkonforma tal-anqas mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) li l-metodoloġija tal-istituzzjoni għall-istima tat-telf mistenni hi konsistenti mas-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali għall-istima tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA li tinvolvi kemm telf mistenni kif ukoll telf mhux mistenni, u li l-proċess ta' stima tat-telf mistenni jsir skont il-kategorija tar-riskju operazzjonali u jkun konsistenti maż-żmien;
- (b) li l-istituzzjoni tiddefinixxi t-telf mistenni billi tuża statistiki li huma anqas influwenzati minn telf esterm, inkluż il-medjan u l-medja maqtugħa, speċjalment fil-każ ta' dejta b'enfasi medja jew kbira fuq it-tail;

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 529/2014 tat-12 ta' Marzu 2014 li jissupplementa r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-ivvalutar tal-materjalità ta' estensjonijiet u ta' bidliet tal-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjoni Interna u l-Approċċ ta' Kejl Avvanzat (ĠUL 148, 20.5.2014, p. 36).

- (c) li l-kumpens massimu għat-telf mistenni applikat mill-istituzzjoni hu marbut bit-telf mistenni totali u li l-kumpens massimu għat-telf mistenni f'kull kategorija tar-riskju operazzjonali hu marbut bit-telf mistenni rilevanti kkalkolat skont is-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni applikata għal dik il-kategorija;
- (d) li l-kumpens li l-istituzzjoni tippermetti għat-telf mistenni f'kull kategorija tar-riskju operazzjonali huma sostituti ta' kapital jew li huma b'xi mod ieħor disponibbli biex ikopru t-telf mistenni bi grad għoli ta' ċertezza tul perjodu ta' sena;
- (e) li meta l-kumpens ikun xi ħaġa li ma tkunx provvedimenti, l-istituzzjoni tillimita d-disponibbiltà tal-kumpens għal dawk l-operazzjonijiet b'telf ferm prevedibbli, stabbli u ta' rutina;
- (f) li l-istituzzjoni ma tużax riżervi speċifiċi għal avvenimenti eċċezzjonali ta' telf mir-riskji operazzjonali li diġà jkunu sehew bħala kumpens għat-telf mistenni;
- (g) li l-istituzzjoni tiddokumenta biċ-ċar kif jitkejjel u jiġi kopert it-telf mistenni tagħha, inkluż kif kwalunkwe kumpens għat-telf mistenni jissodisfa l-kundizzjonijiet spjegati fil-punti minn (a) sa (f).

Artikolu 34

Il-korrelazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-istandards ta' istituzzjoni relatati mal-korrelazzjoni, kif imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 322(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, billi jikkonfermaw li meta l-istituzzjoni tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA billi tirrikonoxxi korrelazzjoni anqas minn sħiħa fost l-istimi tar-riskji operazzjonali individwali, din tikkonforma tal-anqas mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) li l-istituzzjoni tikkunsidra bir-reqqa kwalunkwe forma ta' dipendenza lineari jew mhux lineari, relatata mad-dejta kollha, fuq il-body jew inkella fuq it-tail, fost żewġ kategoriji tar-riskju operazzjonali jew aktar jew fi ħdan kategorija tar-riskju operazzjonali;
- (b) li l-istituzzjoni tappoġġja s-suppożizzjonijiet ta' korrelazzjoni tagħha, sa fejn ikun possibbli, fuq taħlita xierqa ta' analiżi tad-dejta empirika u ta' ġudizzju espert;
- (c) li kull telf fi ħdan kull kategorija tar-riskju operazzjonali hu indipendenti minn kull telf ieħor;
- (d) li meta ma tkunx issodisfata l-kundizzjoni tal-punt (c), kull telf dipendenti jiġi aggregat flimkien;
- (e) li, meta ma tkunx issodisfata ebda waħda mill-kundizzjonijiet tal-punt (c) jew (d), id-dipendenza fi ħdan il-kategoriji tar-riskju operazzjonali tkun immudellata kif xieraq;
- (f) li l-istituzzjoni tikkunsidra bir-reqqa d-dipendenza bejn l-avvenimenti tat-tail;
- (g) li l-istituzzjoni ma tibbażax l-istruttura tad-dipendenza fuq distribuzzjonijiet bħal dawk Gaussjani jew Normali;
- (h) li s-suppożizzjonijiet kollha rigward id-dipendenza użati mill-istituzzjoni huma konservattivi fid-dawl tal-inċertezzi relatati mal-immudellar tad-dipendenza għar-riskju operazzjonali, u li l-grad ta' konservattiviżmu użat mill-istituzzjoni jidded hekk kif jonqsu l-preċiżjoni tas-suppożizzjonijiet dwar id-dipendenza u l-affidabilità tar-rekwiżiti ta' fondi proprji li jirriżultaw;
- (i) li l-istituzzjoni tiġġustifika kif xieraq is-suppożizzjonijiet dwar id-dipendenza li tuża u li hi tagħmel b'mod regolari analiżijiet tas-sensittività bl-għan li tivvaluta l-effett tas-suppożizzjonijiet dwar id-dipendenza fuq ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA tagħha.

IR-RABA' TAQSIMA

Il-mekkaniżmu ta' allokkazzjoni tal-kapital

Artikolu 35

Il-konsistenza tas-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-istandards ta' istituzzjoni relatati mal-konsistenza interna tas-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali, kif imsemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 322(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, billi jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li l-mekkaniżmu tal-istituzzjoni tal-allokkazzjoni tal-kapital tal-istituzzjoni hu konsistenti mal-profil tar-riskju tal-istituzzjoni u mad-disinn ġenerali tas-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali;
- (b) li l-allokkazzjoni tar-rekwiżiti tal-fondi proprji tal-AMA tiegħu f'kunsiderazzjoni d-differenzi interni potenzjali fir-riskju u fil-kwalità tal-immuniġġjar tar-riskju operazzjonali u tal-kontroll intern bejn il-partijiet tal-grupp li għalihom ikunu allokat r-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA;

- (c) li m'hemmx impediment prattiku jew legali kurrenti jew previst għat-trasferiment rapidu ta' fondi proprji jew għar-ripagament tal-obbligazzjonijiet;
- (d) li l-allokazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA mil-livell tal-grupp konsolidat 'l isfel għall-partijiet tal-grupp involuti fis-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali hi bbażata fuq metodoloġiji solidi u, kemm jista' jkun possibbli, sensittivi għar-riskju.

KAPITOLU 4

L-ASSIGURAZZJONI U MEKKANIŻMI OĦRA TA' TRASFERIMENT TAR-RISKJU

Artikolu 36

Il-prinċipji ġenerali

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti relatati mal-impatt tal-assigurazzjoni u tal-ORTM fi ħdan AMA, kif imsemmija fl-aħħar sentenza tal-punt (e) tal-Artikolu 322(2) u fl-Artikolu 323 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, billi jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li l-fornitur tal-assigurazzjoni jissodisfa r-rekwiżiti dwar l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 323(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'konformità mal-Artikolu 37;
- (b) li l-assigurazzjoni hi pprovduta permezz ta' parti terza, kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 323(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'konformità mal-Artikolu 38;
- (c) li l-istituzzjoni tevita l-għadd ripetut ta' tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju, kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 322(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'konformità mal-Artikolu 39;
- (d) li l-kalkolu tal-mitigazzjoni tar-riskju jirrifletti kif xieraq il-kopertura tal-assigurazzjoni, kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 323(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u li l-qafas għar-rikonoxximent tal-assigurazzjoni hu mmotivat u ddokumentat kif xieraq, kif imsemmi fil-punt (f) tal-Artikolu 323(3) ta' dak ir-Regolament, inklużi dawn li ġejjin:
 - (i) il-kopertura tal-assigurazzjoni hi relatata mal-profil tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni, f'konformità mal-Artikolu 40;
 - (ii) l-istituzzjoni tuża kalkolu sofistikat ta' mitigazzjoni tar-riskju, f'konformità mal-Artikolu 41;
 - (iii) il-kalkolu tal-mitigazzjoni tar-riskju hu allinjat mal-profil tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni fi żmien debitu, f'konformità mal-Artikolu 42.
- (e) li l-metodoloġija tal-istituzzjoni għar-rikonoxximent tal-assigurazzjoni tkopri l-elementi rilevanti kollha permezz ta' skontijiet jew permezz ta' telf impost fl-ammont tar-rikonoxximent tal-assigurazzjoni, kif imsemmi fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 323(3) u fl-Artikolu 323(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'konformità mal-Artikolu 43;
- (f) li l-istituzzjoni turi li jinkiseb effett notevoli ta' mitigazzjoni tar-riskju bl-introduzzjoni tal-ORTM, kif imsemmi fit-tieni sentenza tal-Artikolu 323(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'konformità mal-Artikolu 44.

Artikolu 37

L-ekwivalenza tal-awtorizzazzjoni tal-fornitur tal-assigurazzjoni

Għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni tal-fornitur tal-assigurazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 36(a), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li impenn awtorizzat f'pajjiż terz jissodisfa r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni, fejn dak l-impenn jissodisfa rekwiżiti prudenzjali li jkunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni, inklużi r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 323 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Artikolu 38

Il-provvista tal-assigurazzjoni permezz ta' parti terza

1. Għall-finijiet tal-valutazzjoni li l-kopertura tal-assigurazzjoni għall-finijiet tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA hi pprovduta minn entità terza, kif imsemmi fl-Artikolu 36(b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw, fuq il-bażi tal-għarfien komprensiv dwar sitwazzjoni konsolidejta ta' istituzzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 4(1) punt (47) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li la l-istituzzjoni u lanqas xi entità oħra minn fost dawk inklużi fl-ambitu tal-konsolidazzjoni ma jkollha parteċipazzjoni jew parteċipazzjoni kwalifikattiva, kif imsemmija fl-Artikolu 4(1), punti (35) u (36) rispettivament, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fil-parti li tipprovdi l-assigurazzjoni.

2. Meta r-reqwiziti tal-paragrafu 1 ikunu ssodisfati b'mod parzjali, hu biss dak il-porzjon tal-assigurazzjoni pprovduta fejn ir-responsabbiltà finali taqa' fuq entità terza eliġibbli minħabba l-fatt li r-riskju hu ttrasferit b'mod effettiv barra mill-entitajiet konsolidati li għandu jitqies bħala assicurazzjoni pprovduta permezz ta' parti terza.

Artikolu 39

Għadd ripetut ta' tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju

Għall-finijiet li jiġi vvalutat li l-kopertura tal-assigurazzjoni għall-finijiet tar-reqwiziti ta' fondi proprji tal-AMA tevita l-għadd ripetut tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju, kif imsemmi fl-Artikolu 36(c), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw li istituzzjoni ħadet passi raġonevoli biex tiżgura li la l-istituzzjoni u lanqas xi waħda mill-entitajiet inklużi fl-ambitu tal-konsolidazzjoni ma tkun qed terġa' toħroġ kuntratti li jkopru avvenimenti ta' riskju operazzjonali li jiffurmaw l-oġġett tal-arranġament tal-assigurazzjoni inizjali li daħlet fih l-istituzzjoni.

Artikolu 40

Il-proċess tal-immappjar tar-riskju tal-assigurazzjoni

1. Għall-finijiet tal-valutazzjoni li l-kopertura tal-assigurazzjoni hi relatata mal-profil tar-riskju ta' istituzzjoni, kif imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 36(d), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw li istituzzjoni wettqet proċess ta' mmappjar iddokumentat u rraġunat sew tar-riskju tal-assigurazzjoni li bih l-istituzzjoni tiżviluppa kopertura tal-assigurazzjoni konsistenti mal-probabbiltà u mal-impatt tat-telf mir-riskji operazzjonali kollha li tista' potenzjalment taffaċċja.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw li l-istituzzjoni tikkonforma tal-anqas ma' dawn li ġejjin:

- (a) l-istimi tal-probabbiltà ta' rkupru tal-assigurazzjoni u l-perjodu ta' żmien possibbli għar-riċevuta tal-pagamenti mill-assiguraturi, inkluża l-probabbiltà li pretensjoni tiġi kkontestata, it-tul ta' dak il-proċess u r-rati u t-termini kurrenti tas-saldu, fuq il-bażi tal-esperjenza tat-tim tal-immaniġġjar tar-riskju tal-assigurazzjoni tagħha, appoġġjat fejn hemm bżonn minn għarfien espert estern xieraq inklużi konsulenti dwar il-pretensjonijiet, sensara u operaturi;
- (b) tuża l-istimi li jirriżultaw mill-punt (a) għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-assigurazzjoni f'każ ta' telf mir-riskji operazzjonali u tfassal dan il-proċess bl-għan li tivvaluta r-rispons tal-assigurazzjoni għad-dejta rilevanti kollha dwar it-telf u x-xenarju li tiddaħħal fis-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali;
- (c) timmappja l-poloż tal-assigurazzjoni fuq il-bażi tal-valutazzjoni tagħhom li tirriżulta mill-punt (b) għar-riskji operazzjonali tal-istituzzjoni stess fil-livell massimu ta' dettall, bl-użu tas-sorsi tal-informazzjoni disponibbli kollha, inklużi dejta interna, dejta esterna u stimi tax-xenarji;
- (d) tħaddem l-għarfien espert xieraq u tagħmel dan l-immappjar bi trasparenza u b'konsistenza;
- (e) tassinja l-piż xieraq għall-prestazzjoni tal-assigurazzjoni fil-passat u dik mistennija permezz ta' valutazzjoni tal-komponenti tal-poloż tal-assigurazzjoni;
- (f) tikseb approvazzjoni formali mingħand il-korp jew il-kumitat tar-riskju xieraq;
- (g) perjodikament terġa' teżamina l-proċess tal-immappjar tal-assigurazzjoni.

Artikolu 41

L-użu ta' kalkolu sofistikat għall-mitigazzjoni tar-riskju

Għall-finijiet tal-valutazzjoni li istituzzjoni tuża kalkolu sofistikat tal-mitigazzjoni tar-riskju, kif imsemmi fil-punt (ii) tal-Artikolu 36(d), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw li l-approċċ ta' mmudellar għall-inkorporazzjoni tal-kopertura tal-assigurazzjoni fi ħdan l-AMA jissodisfa tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) hu konsistenti mas-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali adottata għall-kwantifikazzjoni tat-telf gross qabel l-assigurazzjoni;
- (b) hu trasparenti fir-relazzjoni tiegħu mal-probabbiltà u mal-impatt tat-telf reali użati fid-determinazzjoni kumplessiva tal-istituzzjoni tar-reqwiziti ta' fondi proprji tal-AMA tagħha, u hu konsistenti ma' dik ir-relazzjoni wkoll.

Artikolu 42

L-allinjament tal-kalkolu tal-mitigazzjoni tar-riskju mal-profil tar-riskju operazzjonali

Għall-finijiet tal-valutazzjoni li l-kalkolu tal-mitigazzjoni tar-riskju jiġi allinjat mal-profil tar-riskju operazzjonali ta' istituzzjoni fil-waqt, kif imsemmi fil-punt (iii) tal-Artikolu 36(d), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li l-istituzzjoni rrieżaminat l-użu tal-assigurazzjoni u reġgħet ikkalkolat ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA, kif xieraq, meta n-natura tal-assigurazzjoni tkun inbidlet b'mod sinifikanti jew meta jkun hemm tibdil kbir fil-profil tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni;
- (b) meta jiġġarrab telf materjali, li jaffettwa l-kopertura tal-assigurazzjoni, li l-istituzzjoni terġa' tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA b'marġni addizzjonali ta' konservattiviżmu;
- (c) meta jseħħu terminazzjoni jew tnaqqis mhux mistennija tal-kopertura tal-assigurazzjoni, li l-istituzzjoni hi lesta tissostitwixxi minnufih il-polza ta' assicurazzjoni b'termini, b'kundizzjonijiet u b'kopertura ekwivalenti jew imtejba, jew li żid ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA tagħha għal livell gross qabel l-assigurazzjoni;
- (d) li l-istituzzjoni tikkalkola l-kapital gross qabel l-assigurazzjoni u nett wara l-assigurazzjoni, f'livell ta' granularità b'tali mod li kwalunkwe erożjoni fl-ammont tal-assigurazzjoni disponibbli, inkluż bil-ħlas ta' telf materjali, jew tibdil fil-kopertura tal-assigurazzjoni, minnufih ikun jista' jingħaraf għall-effett tiegħu fuq ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA.

Artikolu 43

Il-kopertura tal-elementi rilevanti kollha

1. Għall-finijiet ta' valutazzjoni li l-metodoloġija ta' istituzzjoni għar-rikonoxximent tal-assigurazzjoni tkopri l-elementi rilevanti kollha permezz ta' skontijiet jew permezz ta' telf impost fuq l-ammont ta' rikonoxximent tal-assigurazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 36(e), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) li l-istituzzjoni tinvestiga d-diversi fatturi li jgħolqu r-riskju li l-fornitur tal-assigurazzjoni mhux se jaġġmel il-pagamenti kif mistenni u jnaqqsu l-effettività tat-trasferiment tar-riskju, inkluża l-ħila tal-assiguratur li jħallas b'mod puntwali u l-ħila tal-istituzzjoni li tidentifika, tanalizza u tirrapporta l-pretensjoni b'mod tempestiv;
- (b) li l-istituzzjoni tinvestiga kif id-diversi fatturi msemmija fil-punt (a) affettwaw l-impatt ta' mitigazzjoni tal-assigurazzjoni fuq il-profil tar-riskju operazzjonali fl-imgħoddi u kif dawn jistgħu jaffettwaw fil-ġejjieni;
- (c) li l-istituzzjoni tirrifletti l-inċertezzi msemmija fil-punt (a) fir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA tagħha, permezz ta' telf impost konservattiv kif xieraq;
- (d) li l-istituzzjoni tqis bir-reqqa l-karatteristiċi tal-poloż ta' assicurazzjoni, inkluż jekk dawk il-poloż ikoprux biss it-telf soġġett għall-pretensjoni jew innotifikat lill-assiguratur matul it-terminu tal-polza, li jfisser li kwalunwke telf li jiġi skopert wara li tiskadi l-polza ma jkunx kopert, jew jekk dawn ikoprux telf li jiġġarrab matul it-terminu tal-polza, anki jekk ma jiġux skoperti u l-pretensjoni ma tiġix ippreżentata qabel ma tilħaq tiskadi l-polza, jew jekk it-telf huwiex telf dirett tal-parti primarja jew telf ta' obbligazzjoni ta' parti terza;
- (e) li l-istituzzjoni tikkunsidra u tiddokumenta bis-sħiħ dejta dwar il-ħlasijiet tal-assigurazzjoni skont it-tip ta' telf fil-bażijiet ta' dejta tagħha dwar it-telf u tistabbilixxi t-telf impost kif xieraq;
- (f) li l-istituzzjoni għandha fis-seħħ proċeduri għall-identifikazzjoni tat-telf, għall-analiżi u għall-proċessar tal-pretensjonijiet, bl-għan li tivverifika l-protezzjoni attwali bil-kopertura pprovduta mill-assiguratur jew il-ħila li jiġu riċevuti l-fondi ta' ħlas tal-pretensjoni fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli;
- (g) li l-istituzzjoni tikkwantifika b'mod espliċitu u timmudella b'mod separat it-telf impost b'rabta ma' kull waħda mill-inċertezzi rilevanti identifikati minflok ma tapplika telf impost wieħed fil-kalkolu li jkopri l-inċertezzi kollha jew telf impost tal-kalkolu *ex post*;
- (h) li l-istituzzjoni tieħu f'kunsiderazzjoni r-rikonoxximent tar-riskju tal-ħila ta' ħlas tal-pretensjonijiet tal-assiguratur sal-massimu possibbli, billi tapplika telf impost xieraq fil-metodoloġija ta' mmudellar tal-assigurazzjoni;
- (i) li l-istituzzjoni tiżgura li r-riskju tal-ħila ta' ħlas tal-pretensjoni għall-inadempjenza tal-kontroparti tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-kwalità kreditizja tal-kumpanija tal-assigurazzjoni responsabbli skont il-kuntratt ta' assicurazzjoni partikolari, irrispettivament minn jekk l-istituzzjoni prinċipali tal-kumpanija tal-assigurazzjoni jkollhiex klassifikazzjoni aħjar jew jekk ir-riskju jiġix ittrasferit lil parti terza;

- (j) li l-istituzzjoni tagħmel suppożizzjonijiet konservattivi relatati mat-tiġdid tal-poloż tal-assigurazzjoni fuq il-bażi ta' termini, ta' kundizzjonijiet, u ta' kopertura ekwivalenti bħall-kuntratti oriġinali jew dawk eżistenti;
- (k) li l-istituzzjoni għandha proċessi fis-seħħ biex tiżgura l-eżawriment potenzjali tal-limiti tal-polza tal-assigurazzjoni u l-prezz u d-disponibbiltà tar-rikostituzzjonijiet tal-kopertura kif ukoll il-każijiet li fihom il-kopertura tal-kuntratt ta' assicurazzjoni ma taqbilx mal-profil tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni, huma riflessi kif xieraq fil-metodoloġija ta' assicurazzjoni tal-AMA tagħha.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw li r-rekwiżit għall-istituzzjoni biex tapplika t-telf impost għaż-żmien li jifdal sakemm jiskadi l-kuntratt ta' assicurazzjoni jew sakemm jiġi kkanċellat it-terminu mhuwiex neċessarju meta l-kopertura tkun se tiġi mġedda u tkun kontinwa u meta tiġi ssodisfata tal-anqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) meta l-istituzzjoni tista' turi l-eżistenza ta' kopertura kontinwa b'patti, b'kundizzjonijiet u b'kopertura ekwivalenti jew aħjar għal tal-anqas 365 jum;
- (b) meta l-istituzzjoni jkollha fis-seħħ polza li ma tistax tiġi kkanċellata mill-assiguratur, għajr għan-nuqqas ta' ħlas ta' primjum, jew li għandha perjodu ta' kanċellazzjoni itwal minn sena.

Artikolu 44

Mekkaniżmi oħra ta' trasferiment tar-riskju

Għall-finijiet tal-valutazzjoni li istituzzjoni wriet li jinkiseb effett notevoli ta' mitigazzjoni tar-riskju bl-introduzzjoni tal-ORTM, kif imsemmi fl-Artikolu 36(f), l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) jikkonfermaw li l-istituzzjoni għandha esperjenza fl-użu ta' strumenti tal-ORTM u l-karatteristiċi ta' dawn, inklużi l-probabbiltà tal-kopertura u t-tempestività tal-ħlas, qabel ma dawn l-istrumenti jkunu jistgħu jiġu rikonnoxxuti fis-sistema tal-kejl tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni;
- (b) jirrifjutaw l-ORTM bħala strumenti eliġibbli ta' mitigazzjoni tar-riskji tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA meta l-ORTM jinżammu jew jintużaw għal skopijiet ta' negozjar minflok għal skopijiet ta' ġestjoni tar-riskju;
- (c) jivverifikaw l-eliġibbiltà tal-bejjieġh ta' protezzjoni inkluż jekk huwiex entità regolata jew mhux regolata, u n-natura u l-karatteristiċi tal-protezzjoni pprovduta, jekk hix protezzjoni ffinanzjata, titolizzazzjoni, mekkaniżmu ta' garanzija jew derivattivi;
- (d) jikkonfermaw li l-attivitajiet esternalizzati mhumiex meqjusa bħala parti mill-ORTM;
- (e) jikkonfermaw li l-istituzzjoni tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA grossi bl-ORTM u netti mill-ORTM għal kull kalkolu tal-kapital, flivell ta' granularità b'tali mod li kwalunkwe erożjoni fl-ammont ta' protezzjoni disponibbli, tkun tista' tingħaraf minnufih għall-effett tagħha fuq ir-rekwiżiti kapitali;
- (f) jikkonfermaw li meta jiġġarrab telf materjali, li jaffettwa l-kopertura pprovduta mill-ORTM jew meta t-tibdilit fil-kuntratti tal-ORTM joħlqu inċertezza qawwiya rigward il-kopertura tagħhom, l-istituzzjoni terġa' tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-AMA tagħha b'marġni addizzjonali ta' konservattiviżmu.

KAPITOLU 5

DISPOŻIZZJONI FINALI

Artikolu 45

Dispożizzjoni tranżizzjonali

Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-AMA, imsemmija fl-Artikolu 1, ta' istituzzjoni li, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, diġà tkun qed tuża AMA għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għar-riskju operazzjonali, jew ta' istituzzjoni li diġà applikat għal permess biex tuża AMA għal dak l-għan, għandhom japplikaw dawn it-tejn li ġejjin:

- (a) dan ir-Regolament għandu japplika minn sena wara d-dħul fis-seħħ tiegħu;
- (b) l-Artikolu 34(g) għandu japplika minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

*Artikolu 46***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
